

Tifkira
Ta' għeluq
L-elf u disa' mitt sena
Mill-miġja
Ta' San Pawl
F'Malta.



Is-Sitt Sena | JANNAR - MARZU, 1960 | Għadd 1

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

LEHEN

# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-"Empire Press", 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Is-Sitt Sena — JANNAR - MARZU, 1960 — Għadd 1


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Wara Elf u Disa' Mija (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 1

L-Ewwel Taqsima — DAWL

Kristu jkeċċi l-Bejjiegħa mit-Tempju (P. P. Saydon) ... ... ... ... 2
L-Bażilka ta' Nażaret (Fra Żarenu, O.F.M.) ... ... ... ... ... 4
Ħaram Ix-Xerif (Farid Swalaħ) ... ... ... ... ... ... ... 6
Għid il-Ħammiem f'Bet-lehem (Pifan) ... ... ... ... ... ... 7
Ħjiel tat-Terra Santa (Dun Xand Cortis, D.D., Miss. Apost.) ... ... ... 9
Kwiekeb Ġerrejja (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 11
X'inhuwa l-Qoran (Abu Magħli Ibn Merżuq) ... ... ... ... ... 14
Mill-Ħamis sal-Ħadd (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 16

It-Tieni Taqsima — ĊENTENARJU

Miġja u Qagħda ta' San Pawl f'Malta (Lu.) ... ... ... ... ... ... 21
L-Evanġelju ta' San Pawl (P. Serafin M. Zarb, O.P.) ... ... ... ... 26
L-Istorja ta' San Pawl ... ... ... ... ... ... ... ... ... 28
Aħbarijiet tal-Palestina ... ... ... ... ... ... ... ... ... 32
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... iii



Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# WARA ELF U DISA' MIJA

*Iż-żmien ma fihx qjies. Kull darba li x-xemx titla' u tinżel, jiġifieri ddur dawra d-dinja fuqha nfisha, ngħidu li jkun għadda jum; u tliet mija u ħamsa u sittin dawra minn dawn, ngħidu li huma sena. Imma fis-sewwa ż-żmien ma hu xejn. Iż-żmien ma jeżistix. Għax id-dinja ddur u tibqa' dinja; u x-xemx titla' u tinżel, u tibqa' xemx. Dak li kien eluf ta' snin ilu, hekk għadu wkoll issa.*

*Meta ġie San Pawl Malta? Elf u disa' mitt sena ilu? Iwa; imma elf u disa' mitt sena ilu, huwa l-bieraħ, jew il-lum. Il-Maltin ta' dak iż-żmien kienu ruħ u ġisem, bħall-Maltin tal-lum. Kienu jaraw, u jisimgħu, u jitkellmu, bħall-Maltin tal-lum. Kellhom qalb li tħobb u tobgħod u moħħ li jaħseb u jifhem, bħall-Maltin tal-lum. Wisq minnhom saru Nsara fuq l-egħmil li raw minn San Pawl, u fuq il-kliem li semgħu minnu. Imma biex emmnu u sedqu, qalbhom u moħħom kienu minn qabel imħejjija; għax jekk ma jkunx hemm il-ħamrija, maħruta u magħżuqa, iż-żerriegħa ma tinbitx. Jew tinbet u targa' tmut.*

*Meta San Pawl kien f'Korintu, belt imgħarr'ra fid-dnubiet, Ġesù qallu f'dehra: "Ara li ma tibżax! Ibqa' tkellem, u ara tiskot, għax f'dil-belt għandi ħafna nies! (Atti, XVIII, 9-10). Mela, fost il-qtil u ż-żena; fost il-gideb u s-serq, f'Korintu, kien hemm għadd kbir ta' nies ta' qalbhom safja; u kien hemm ukoll nies ta' qalb imniġġsa, imma li kienu jafu u jħossu li ma kienux qegħdin jgħixu sewwa. Kienu nies ta' Ġesù. Kienu nies li jgħixu fid-dlam, imma li qegħdin jistennew id-dawl.*

*Malta għadha Nisranija, imma l-Paganiżmu, li biex juri lil niesna l-kruha tiegħu Alla bagħat Malta lil San Pawl, raġa' dieħel f'pajjiżna. Raġa' dieħel b'libsa xorta oħra minn dik li kellu qabel, imma hu Paganiżmu xorta waħda. Il-Pagani Maltin tal-lum, ma jagħtux qima lill-allat tar-rħam u tal-ħaġar, imma jagħtu qima lill-allat oħra, foloz xorta waħda bħal ta' dari: 'l allat ta' personithom.*

*X'inhi l-ħajja ta' wisq Maltin tal-lum? X'inhi għajr xogħol u tagħmil għal ħaġa waħda: it-tpaxxija tagħhom infushom? Ara kif jiġru wara l-flus! Ara x'ilbies. X'ilbies u x'hejm li ma għandu xejn mir-ražna Nisranija. Ara x-xalati fuq xalati. Ara t-"Talkies" maħnuqa bin-nies. Ara ż-żfin, li jekk ma hux agħar minn tal-Pagani ta' dari, ħaqq li ma hux anqas ħażin minnu!*

*Imma f'Malta ta' daż-żmien, bħal f'Korintu ta' dari, hawn nies li jġibu ruħhom hekk, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu. Ma jafux, għax qatt ma daqu, il-ħlewwa u l-mistrieħ u l-benna tal-ħajja miġbura. Jaħsbu li l-qofol tal-hena jinsab fis-sakra tax-xalar. Dawn jaqblilhom li jidħlu daħla fihom infushom, din is-sena, u jaraw ftit x'jidħrilhom mll-Aħbar ll ġleb Malta San Pawl. Dak li xandar f'Malta San Pawl, għadu miktub fl-Ittri tiegħu, li jistgħu jaqrawhom x'ħin iridu, għax xandir u kitba minn moħħ wieħed ħarġu, għad li dawn miktubin bil-linka u dak moqul bil-lsien. Isa, inti, mela! Rodd salib għal wiċċek, u ara x'għandek tagħmel! Għax jekk int wieħed mill-imsejħin, ħażin joħroġ għażlek jekk ma twieġibx.*

*ID-DIREZZJONI.*

# KRISTU JKEĊĊI L-BEJJIEGĦA MIT-TEMPJU

Fil-Vanġeli ta' S. Mattew, S. Mark u S. Luqa naqraw li meta Kristu daħal Ġerusalem fost il-għajjat ta' Osanna baqa' sejjer it-tempju u hemm sab xi rġiel ibigħu ngħaġ, ħrief, ħamiem, inbid u żejt u oħrajn isarrfu l-flus. Kristu qalbilhom l-imwejjed, keċċihom barra u qalilhom: Dari hi dar tat-talb u intom għamiltuha bejta tal-ħallelin. Dan ġara, skond ma jgħidulna t-tliet Evanġelisti fl-aħħar jiem tal-ħajja ta' Ġesù fid-dinja. Imma S. Ġwann jirrakkonta l-istess fatt fil-bidu tal-ministeru ta' Kristu. Għalhekk issa tiġi d-diffikultà: Kristu meta keċċa l-bejjiegħa mit-tempju, fil-bidu jew fl-aħħar tal-ministeru tiegħu? U kemm-il darba keċċihom, darba jew darbtejn?

Biex nifhmu l-fatt fih innifsu, jeħtieġ inżommu f'moħħna li t-tempju ta' Ġerusalem ma kienx bħal-knejjes tagħna. Kien fih biċċa msaqqfa bħall-knejjes tagħna, imma fiha ma kien jista' jidħol ħadd ħlief il-qassisin. Il-bqija kien bitħa jew żewġ btieħi kbar mikxufin u mdawwrin b'loġoġ imsaqqfa. Fil-bitħa ta' ġewwa kien hemm l-artal tas-sagrifiċċji, u fil-bitħa ta' barra kienu jistgħu jidħlu l-pagani. Fil-festi kbar meta l-Lhud kollha kellhom imorru t-tempju u joffru sagrifiċċji, kien ikun hemm ħafna jbigħu l-bhejjem meħtieġa għas-sagrifiċċji, bħalma ġieli naraw ħdejn il-knejjes tagħna xi nies ibigħu xema u ward biex id-devoti joffruhom lill-qaddisin. Imma dan in-negozju ġewwa l-ħitan tat-tempju Kristu ma redux, għax it-tempju, li hu d-dar ta' Alla, hu post tat-talb mhux tan-negozju. U n-negozju aktarx iġib miegħu s-serq.

Imma dak li rridu nafu issa hu meta Kristu keċċa l-bejjiegħa mit-tempju, hux fil-bidu jew fl-aħħar tal-ministeru tiegħu. Ma naħsbux li Kristu keċċihom darbtejn, għalkemm din ħaġa li setgħet tkun. Mela jekk keċċihom darba biss, S. Ġwann u l-Evanġelisti l-oħra huma kontra xulxin.

Ma ngħaġġlux. Naraw humiex tassew kontra xulxin. Fil-bidu ta' dan it-tagħrif fuq il-Vanġeli għidna li l-Evanġelisti kollha għandhom il-mod tagħhom kif jirrakkontaw Għidna wkoll li l-ewwel tliet Evanġelisti jirrakkontaw biss il-ġrajja kif kienu bla ma jħabbtu rashom meta saru dawk l-ġrajja. L-ewwel tagħlim ta' l-insara mill-Appostli kien x'għamel Kristu mhux meta għamel dan jew dak. Għalhekk dan l-ewwel tagħlim ma żammx tifkira taż-żmien meta Kristu keċċa l-bejjiegħa, bħalma anqas ma żamm tifkira taż-żmien ta' ġrajja oħra tal-ħajja ta' Kristu. U l-Evanġelisti li kitbu skond dan it-tagħlim ma tawna l-ebda ħjiel fuq iż-żmien tal-ġrajja tal-ħajja ta' Kristu. Minħabba dan in-nuqqas ta' tagħrif huma jagħtuna x'naħsbu, bħalma għidna darb' oħra, li l-ministeru ta' Kristu fid-dinja dam sena waħda biss. Dan il-mod li jirrakkontaw mhux żball anqas ma hu difett, għax il-ħsieb ta' l-Evanġelisti ma kienx li jirrakkontaw il-ħajja ta' Ġesù, imma li jgħallmu li Ġesù kien Alla u Bin Alla permezz tal-mirakli u tal-kliem tiegħu. Imma S. Ġwann kien jirrakkonta mod ieħor. Hu ukoll ried igħallem bħall-Evanġelisti l-oħra, imma qassam it-tagħlim tiegħu, li hu mibni kollu fuq id-diskorsi ta' Ġesù, mal-festi tal-Lhud li għalihom Ġesù kien imur Ġerusalem u

jgħallem. Hekk igħidilna li wara li bidel l-ilma f'inbid f'Qana tal-Galilija, Kristu mar Kafarnahum u minn hemm mar Ġerusalem għall-Għid (2, 13). F'5, 1 igiħidilna wkoll li Ġesù mar Ġerusalem għal xi festa li ma jgħidulniex liema kienet. F'6, 4 jerġa' jgħidilna li kien qorob il-Għid u fi 7, 2 kienet qorbot il-festa tal-Għarajjex u li Kristu mar Ġerusalem għall-festa (7, 10). Fil-festa tal-Konsegrazzjoni tat-tempju Kristu kien Ġerusalem (10, 22). Sitt ijiem qabel il-Għid Kristu mar Betanja, qrib Ġerusalem (12, 1). Minn dan naraw li S. Ġwann dejjem iħobb jorbot id-diskorsi u l-mirakli ta' Ġesù ma' xi festa tal-Lhud; u jekk it-tkeċċija tal-bejjiegħa mit-tempju jorbotha mal-festa tal-Għid jew tal-ewwel Għid fil-ministeru tiegħu, għandna raġun ingħidu li Kristu keċċa l-bejjiegħa mit-tempju fil-bidu tal-ministeru tiegħu.

Hemm raġuni oħra li tagħtina x'naħsbu li Kristu keċċa l-bejjiegħa mit-tempju fil-bidu tal-ministeru tiegħu. Kristu kien għadu għamel miraklu wieħed, biddel l-ilma f'inbid; dan il-miraklu għamlu fil-Galilija, quddiem ftit min-nies; ma kienx magħruf mill-poplu l-aktar f'Ġerusalem. Issa Kristu mar Ġerusalem; hemm ried juri s-setgħa tiegħu bħala Alla. Għalhekk daħal fit-tempju, li għal-Lhud kien id-dar ta' Alla, imma li hu jgħidlu d-dar tiegħi; mela Kristu hu Alla. U Kristu jidħol fit-tempju biex, bħallikieku jieħu pussess ta' daru qalb il-bnedmin. U hekk Kristu, malli deher quddiem il-Lhud ta' Ġerusalem, deher bħala sid it-tempju, bħala Alla li jgħammar fit-tempju. It-tkeċċija tal-bejjiegħa mit-tempju fil-bidu tal-ministeru ta' Kristu hi tassew f'postha.

Mela l-għala l-Evanġelisti l-oħra jirrakkontawha fl-aħħar tal-ministeru ta' Kristu? Ir-raġuni tista' tkun din: it-tempju ta' Ġerusalem kien iċ-ċentru tal-ħajja reliġjuża tal-poplu. Fih kien igħammar Alla. Fih biss kienu jistgħu jqimu 'l Alla u joffru sagrifiċċi. Imqar il-Lhud li kienu jgħixu barra mill-Palestina kellhom imorru Ġerusalem fit-tempju biex joffru s-sagrifiċċi tagħhom. Issa dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tempju l-Evanġelisti, barra minn S. Ġwann, jiġbruh flimkien u jirrakkontawh fl-aħħar tal-Evanġelju u fl-aħħar tal-ministeru ta' Krsitu. Hekk Kristu jkeċċi l-bejjiegħa mit-tempju; Kristu jgħallem fit-tempju; Kristu jħares lejn in-nies jitfgħu l-flus fil-ħażna tat-tempju; l-Appostli jistagħġbu bil-ġmiel tat-tempju u Kristu jħabbar it-tiġrif tiegħu.

Minn kull ma għidna jidhrilna li Kristu keċċa l-bejjiegħa fil-bidu tal-ministeru tiegħu, imma l-ewwel tagħlim nisrani rabat din il-ġrajja ma' l-aħħar jiem tal-ministeru. L-ewwel tliet Evanġelisti kitbu skond it-tagħlim tagħhom stess; S. Ġwann kiteb skond ma kien jiftakar. B'daqshekk ma nistgħux ngħidu li huma kontra xulxin.

P. P. SAYDON

---

## QWIEL TA' SAN PAWL

*Me paidia ginesthe tais fresin, alla te kakia nepiazete.* "La ssirux tfal fis-sensi, imma fil-ħażen iċkienu" (1 Kor. XIV, 20). Jiġifieri la tkunux bħat-tfal li jħobbu l-ikel ħelu u x-xalar, imma kunu bħaċ-ċkejknin fil-ħażen, għax dawk ma għandhomx malizja.

# IL-BAŻILKA TA' NAZARET

Id-dar tal-Madonna f'Nazaret u l-egħlieqi ta' ma' dwarha, baqgħu f'idejn il-qraba tagħha għal fuq it-tlitt mitt sena; u d-Dar Imqaddsa, għad li kienet għorfa żgħira quddiem għar ċkejken, kif għadu jidher sal-lum, mill-kisi tal-art bil-mużajk, imżejjen bil-monogramma ta' Kristu, magħmul minn wieħed djaknu jismu Kononoŝ (isem li kien ġieri fost il-qrabat tal-Madonna), kienet miżmuma bħala knisja.(*) mill-ħoqor lil knisja Nisranija, u l-Insara kienu mħollija jibnu knejjes u bażilki, għal qadi tad-Djiena tagħhom, wieħed Lhudi li qaleb Nisrani, jismu Ġużeppi, Konti ta' Tabarija, bena l-ewwel knisja jew Bażilka fuq id-Dar u l-għar fejn kienet tgħammar il-Madonna. Dan jgħidu Sant'Epifanju, Isqof ta' Salamina, f'Ċipru li twieled fis-sena 315 u miet fis-sena 404. Sant' Epifanju n-nifsu kellem lil Konti Ġużeppi f'belt jisimha Bejsan, fil-Palestina, kif kiteb hu fi ktieb jsmu "Adversus Haereses," taqsima XXX, 11.



**Nażaret, Palestina. — Kif sa tkun il-Bażilka l-Ġdida li sa jibnu l-Franġiskani fuq il-fdal tad-Dar u r-raħal tal-Madonna. Minn barra.**

Kif fiċ-Ċenaklu ta' Ġerusalem, fejn Sidna Ġesù tgħaxxa jew "iċċena" l-aħħar darba, baqgħu jiltaqgħu l-Insara biex bħal jitwennsu bit-tifkira ta' Ġesù, fid-dar ta' Nazaret baqgħu jiltaqgħu, bħal fi knisja, il-ftit Insara tar-rħula tal-qrib, biex bħal kieku jitwennsu bit-tifkira tal-Madonna.

Meta l-Imperatur Kostantinu ħeles

Dil-knisja ewlenija waqqgħuha, jew tħalliet tiġġarraf weħedha, fi żmien il-Misilmin, għal ħabta tal-aħħar tas-Seklu Ħdax. Fuqha, imma u akbar minnha, Tankredi Prinċep tal-Galilija, raġa' bena knisja oħra; imma xi għaxar snin wara Bibars, sultan tat-Torok raġa' ġarrafha (1263).

Wara li telqu mill-Art Imqaddsa l-"Kruċjati" jew Salibin, daħlu Nazaret il-Franġiskani u għammru qalb il-ħerba tal-knisja. Wara snin kbar ta' taħbit u tbatija u swat u tixrid ta' demm, il-Franġiskani, fis-sena 1730, qalgħu minn għand is-Sultan ta' Kostantinopoli li l-knisja jerġgħu jibnuha. Imma s-sultan qalilhom li dil-knisja kellha tinbena żmien seba' xhur, u jekk ma tkunx lesta f'daqshekk żmien, ix-xogħol ikollu jieqaf. Għal hekk il-Franġiskani għaġġlu kemm felħu biex temmew il-bini ta' knisja Il-Bażilka sejra tkun bi tnejn: ta' taħt, u ta' fuq. Ta' taħt ikun fiha l-Għar Imqaddes fejn kienet tgħammar l-Madonna u fdal mid-dar tagħha. Ma' dwar il-Għar, dejjem taħt il-knisja jibqa' wkoll mikxuf il-blat, bil-fdalijiet tar-raħal — sisien ta' djar żgħar donnhom grieni; imgħasar taż-żejt u tal-inbid; qnajja tal-ilma; menqiet u hekk.

J'Alla x-xogħol ma jdumx ma jibda, u meta jibda, j'Alla ma jdumx ma jintemm bis-sliema; għas-sebħ t'Alla u



**Nażret, Palestina. — Kif sa tkun il-knisja ta' taħt, li sa jibnu r-Rħieb Franġiskani f'Nażaret. Fix-xellug jidher fdal mid-Dar Imqaddsa tal-Madonna u fl-art fdalijiet u artijiet tar-raħal ta' Nażaret il-qadima.**

mdaqqsa, fi żmien seba' xhur kif kien amar is-sultan. Din il-knisja damet wieqfa sa erba' snin ilu, għax il-Franġiskani fis-sena 1955 ħattewha, u ma' dwar il-Għar Imqaddes, l-art kixfuha sal-blat. Hemm sabu l-fdal ta' raħal żgħir u fqir ħafna, li fih kienet tgħammar Mirjam, il-Madonna ma' binha Ġesù u ma' San Ġużepp. Fejn kienet il-knisja mdaqqsa issa, dalwaqt tibda tinbena Bażilka kbira.

għall-ġieħ ta' Mirjam, Omm Ġesù u bis-saħħa tiegħu, Omm ukoll u maħrab tagħna l-midinbin.

Fra. Żarenu, O.F.M.

---

(*) Ara r-ritratt ta' dal-mużajk fil-faċċata 82, għadd 2 ta' dal-Qari, tas-sena l-oħra 1959.

# ĦARAM IX-XERIF

(*Jorbot ma' l-għadd* 4, *Ott.-Diċ.* 1958, *faċċata* 121)

Il-lum, il-wata fejn kien it-Tempju, jgħidulu Ħaram ix-Xerif. Ma nistgħux nidħlu fih mill-bieb ix-Xerqi, tan-naħa tal-Wied ta' Kidron, għax issa misdud bil-ħaġar. Imma nidħlu minn bieb ieħor, bieb bla sura, minn triq, ġo nofs il-belt, jgħidulha Suq il-Qattanin.

Kif tidħol minn hemm, issib ruħek f'wesgħa ċċangata bil-ħaġar, u tara quddiemek taraġ wiesa' u titla' minnu u tgħaddi minn taħt ħnejjiet weqfin fuq il-kolonni. Quddiemek tara binja, bħal knisja kbira, b'sitt faċċati u koppla sewda taċ-ċomb. Din hija l-Ġemgħa jew Moskija tal-Misilmin. Għall-għożża hija t-tieni waħda tad-dinja. Jgħidulha Kubbet is-Sakhra. Ma hix imbajjda jew miżbugħa, imma miksija bal-madum abjad bid-disinni kħal.

Meta tiġi biex tidħol, ix-xiħ tal-Misilmin li jkun hemm għassa, jiġi fuqek u jgħidlek biex tneħħi x-xedd minn riġlejk, inkella tilbes fuqu ż-żarbun li jagħtik huwa u tħallas xi ħaġa tal-flus. Għax ma tistax tidħol hemm bix-xedd li tkun ġejt bih minn barra, għax it-trab li ddaħħal miegħu iniġġes il-qdusija tal-imkien.

Għall-ewwel li tidħol ma tara xejn għajr dlam. Tħoss it-tapiti taħt saqajk, ħoxnin u rotob, imma ma tara xejn; dlam, 'il fuq, 'l-isfel, mal-ġnieb u kull imkien. Imbagħad tibda tara, kemm-kemm, ħafna tikek imżewwqin: taħsbek qiegħed toħlom. Tikek ħomor, koħol, ħodor, sofor u vjola u minn kull lewn, ġemgħa-ġemgħa, mal-ġnieb. Imbagħad tintebaħ li dawk it-tikek huma mużajk tal-ħġieġ. U ftit-ftit tibda tara kolonni u ħnejjiet, miżbugħa bid-deheb jew miksija bil-mużajk mill-irqaq, u kitba bil-Għarbi, 'l hawn u 'l hemm. Tara li tinsab ġewwa bini qisu knisja.



Ġerusalem. — Il-Moskija ta' Għomar, jew kif igħidulha l-Misilmin ta' hemm: il-Ġamagħ el-Kebira, mibnija fuq il-blata fejn kien l-artal tal-ħruq, f'nofs it-Tempju tal-Lhud, minn żmien David elf sena qabel Kristu, sa żmien Titu, sebgħin wara Kristu, meta t-Tempju ħarquh ir-Rumin.

Imbagħad ix-xiħ tal-Misilmin jieħdok idawwrek. Jurik bħal tabernaklu tar-rħam u jgħidlek li ġewwa fih hemm żewġ xagħriet mil-leħja ta' Mħammed, il-profeta l-kbir tal-Misilmin. Jurik tieqa magħluqa u jgħidlek li ġewwa fiha hemm is-sikkina li biha Abraham kien sa jidboħ lil ibnu Ishak.

Jurik blata kbira f'nofs il-Ġemgħa u jgħarrfek li fuqha niżel Imħammed meta kien għaddej itir fuq id-debba bil-lejl. Iniżżlek ġewwa bħal bir żgħir taħt l-art u jgħidlek li s-saqaf tiegħu, tal-blat, ma jżomm ma' xejn, u l-ħajt li hemm mad-dawra kien mibni biex in-nies ma jibżgħux li taqa' fuqhom il-blata. Jurik ħofra fil-blata tassaqaf u jgħarrfek li Mħammed jiġi jsellli hemm kull nhar ta' Ġimgħa, u darba qam bis-saħħa u ħabat rasu massaqaf u l-blata biex ma tweġġħux, irtabet bħat-tajn. Jurik il-sien tal-ġebel daqsiex, u jgħidlek li l-blata b'dak il-lsien sellmet lil Imħammed u qaltlu "Salam għalik!" Trid toqgħod bilgħaqal il-ħin kollu li jkellmek u minn wiċċek turi li qiegħed temmen u tistagħġeb b'dak li jgħid

Fil-Ħaram hemm wisq u wisq x'tara.. Biex tikteb kollox trid qatiegħ wisa u żmien. Għalina biżżejjed li naħsbu li min jaf kemm Ġesù mexa min-naħa għall-oħra ta' dal-wata, ma' tul ħajtu fuq l-art. U li ma' ġenb dak il-bieb il-kbir, li għedna l-lum misdud bil-ħaġar, fejn kienu l-ħnejjiet Ġesù għadda erbgħat ijiem mill-aħħar ġimgħa ta' ħajtu jgħallem, u hemm, nistgħu ngħidu, li bħala Messija kien maqtul mil-Lhud, kif bħala bniedem kien maqtul fuq il-blata tal-Golgla. U nifhmu ftit kemm hi kbira t-tjieba ta' Alla u kemm aħna ħżiena u rasna jiebsa aħna l-bnedmin.

*Farid Swalaħ.*

---

# GĦID IL-ĦAMMIEM F'BET-LEHEM

Il-kelma Ħammiem, bil-Malti, tfisser **banju**, jiġifieri ħasla tal-ġisem kollu; u billi fl-antik, il-Magħmudja kienet tkun tagħdisa tal-ġisem kollu fl-ilma, Għid il-Ħammiem ifisser Għid il-Magħmudija, għax fih titfakkar l-Magħmudija ta' Ġesù fix-xmara tal-Ġurdan. Bil-Grieg dal-Għid jgħidulu Epi-Fanija, li tfisser Wirja, jew Dehra, għax f'dak il-jum ukoll Ġesù kien muri lil bnedmin, bħala Messija, billi waqt il-Magħmudija tegħu leħħet berqa u faqqgħet ragħda, u leħen ir-ragħda kien jgħid: "Int ibni l-għażiż li tgħaxxaqt bik".

Kif isir Għid il-Milied fil-belt ta' Bet-Lehem, f'dan il-"Qari" għednih kemm-il darba; għal hekk il-lum ngħidu kelmtejn kif isir Għid l-Epifanija f'dik il-belt, li hu Għid tal-Franġiskani biss, jiġifieri, jagħmlu l-Kustodju tal-Franġiskani bir-Rħieb tiegħu, weħedhom, m'hux il-Patrijarka ta' Ġerusalem mal-Monsinjuri u l-qassisin, bħal ma jsir kif ġie li semmejna, Għid il-Milied.

Il-**funzjonijiet** tal-Epifanija jsiru bħal tal-Milied sewwa, imma l-purċissjoni bil-Bambin issir lejliet il-Għid wara l-Għasar, m'hux wara l-quddiesa f'nofs il-lejl; u l-Quddiesa l-kbira ma ssirx f'nofs il-lejl, imma nhar l-Epifanija fil-għodu. U f'Bet-Lehem ma jkunx hemm nies, Insara, middinja kollha, bħal ma jkun hemm fil-Milied, imma jkun hemm Insara minn Bet-Lehem, Bet-Gagħla, Bet-Sahur u mit-taqsima Għarbija ta' Ġerusalem, għax il-Lhud nhar il-Milied biss iħallu jgħaddu l-Insara mit-taqsima tagħhom.

Il-Patri Kustodju, lejlet il-Ħammiem, wara nofs inhar, jitlaq minn Ġerusalem bil-karrozza imsieħeb mad-Diskreti, jew Irħieb il-kbar ta' ma' dwaru (qishom il-Membri tal-Parla-

ment Franġiskan) u jieqaf ħada l-qabar ta' Raħla, jew **Rakel,** mart Ġakobb, ftit fuq mil bgħid minn Bet-Lehem. Hemm ikunu jistennewh il-Muħtar, jew **Sindku** tal-belt u l-Ħuri, jew **kappillan,** u xi nies oħra magħrugħadd kbir minnhom. Ikunu hemm ukoll it-tfal tal-iskejjel, bniet u subien. Dawna jimxu tnejn-tnejn, u jibqgħu sejrin lejn il-Bażilka u jidħlu fiha, ikantaw il-''Benedictus''.

Fil-għaxija jsir il-Għasar Pontifi-



**Betlehem. — Sura ta' Ġesù Bambin li tittieħed bil-purċissjoni mill-knisja ta' Santa Katarina sa ġewwa l-Għar tat-Twelid, nhar il-Ħammiem, jew Epifanija.**

fa, u jagħtuh il-merħba. Minn hemm jerġa' jirkeb il-karozza, u jibqa' sejjer sal-misraħ tal-Bażilka l-kbira.

Fil-misraħ ikunu jistennewh ir-Rħieb Franġiskani kollha tad-Dejr u tnejn jew aktar mir-Rħieb u Raħbiet ta' xirkiet oħra li Bet-Lehem hemm kali, li fih il-Kustodju jilbes il-mitra bħala Isqof. Wara l-Għasar ikun hemm il-purċissjoni, mill-artal ta' Santa Katarina, fil-knisja tal-Franġiskani, għall-**kurriduri** jew mimxiet tad-Dejr, għal Bażilka, u jinżlu t-taraġ għal ġewwa l-Grotta Mqaddsa. Il-

Kustodju, liebes ta' Isqof, ikun f'din il-purċissjoni, ħiemel f'idejh Bambin. M'hux il-Bambin iż-żgħir tal-Milied, ġewwa l-benniena, imma Bambin ieħor, kbajjar, qiegħed fuq siġġu tad-deheb, b'idu l-waħda merfugħa 'l fuq, ibierek lin-nies ta' rieda tajba. Meta jaslu l-Grotta, il-Kustodju jqiegħed il-Bambin fuq l-artal u jbaħħru, u mbagħad id-Djaknu jaqra l-Evanġelju ta' dik inhar li jfakkar kif is-Saħrin sabu lil Ġesù tarbija u lil Ommu u tawh l-imħibiet, u kemm ferħu me'a rawh, għax kienu qatgħu xewq'thom.

Il-għada fil-għodu jitkanta l-Matutin fil-knisja ta' Santa Katarina u wara toħroġ il-quddiesa l-kbira, li fiha jkantaw ir-Rhieb Franġiskani u t-tfal subjen ta' li "Scola Cantorum" tagħhom ta' Bet-Lehem u ta' Ġerusalem. Wara nofs inhar ikun hemm, fil-misraħ, il-banda tal-"Gioventù Antoniana", jiġifieri Xirka ta' Żgħażagħ ta' Sant'Antnin. U min irid jasal wasla sa Bet-Saħur, jekk ma tkunx x-xita, jista'; imur iżur żjara lill-kappella l-ġdida tar-Rgħajja, mibnija fil-bur fejn kienu jirgħu n-nagħaġ, fil-lejl tal-Milied, meta waslitilhom l-aħbar tat-Twelid ta' Ġesù. Dik inhar il-kappella tibqa' minn fil-għodu sa fil-għaxija miftuħa.

U dawn huma kelmtejn fuq kif isir Għid il-Ħammiem f'Bet-Lehem, fis-sitta ta' Jannar.

PIFAN.

---

# ĦJIEL TAT-TERRA SANTA

Dik li l-lum aħna nsejħulha **Terra Santa**, bil-Malti sewwa "Art Imqaddsa" hi dik l-art infisha li fir-Rabta l-Qadima kienu jgħidulha l-art ta' Kanghan, jew Kangħanija. Din l-art kienet imwegħda minn Alla lil Abram, lil Ġakob u lin-nisel tagħhom. U billi kliem Alla ma jonqosx, seħħ kull ma qallhom; ara kemm li l-Israelijin, jiġifiri wlied Alla, wara li damu daqqa ta' erbgħin sena fid-deżert, daħlu ġewwa Kangħan. It-**Terra Santa,** il-lum aktarx tissejjaħ ukoll Palestina. Titqassam f'Galilija, Samarija, u Jehudija.

It-Terra Santa tagħmel mas-Surija, bħal ma magħha tagħmel ukoll il-Feniċja. U għala, tgħid, tissejjaħ Art Imqaddsa? L-iżjed, m'hux għax kienet l-art tal-Patrijarki u tal-Profeti. l-anqas għax fiha ġraw l-aktar ġrajjiet egħżież tar-rabta l-qadima, imma l-iżjed għax hi l-art ta' Ġesù u ta' Marija u ta' Ġużeppi, u fiha saħħu l-egħżież ħwejjeġ tal-Liġi Nisranija. Jekk inħarsu lejn Nazaret fiha naraw isir bniedem bħalna lil sidna Ġesù: fl-art tal-fjuri jinbet il-fjur maħtur ta' Jesse. Jekk inħarsu lejn Betlehem, fih nilmħu jitwieled minn sidtna Marija fost l-aqwa għeġubijiet, 'il Ġesù tarbija. Jekk inħarsu lejn Ġerusalem, nilmħu lil Marija tippreżenta lil Binha Ġesù erbgħin jum wara l-Milied, f'idejn ix-Xwejjaħ Xmuni: naraw lil Ġesù tfajjel jeħodha mal-għorrief: jistitwixxi s-Sagrament Imqaddes tal-artal: narawh ibati, imut, u jqum minn bejn l-imwiet: narawh jidher lil Ommu l-Għażiża u lil Marijiet l-oħra, narawh jitla' s-sema: naraw nieżla fiċ-Ċenaklu ta' Sijon lir-Ruħ il-Qodos fuq l-Appostli u wisq ħwejjeġ oħra. Jekk inħarsu lejn Kana tal-Galilija, naraw lil Ġesù jbiddel l-ilma f'inbid, l-iżjed tajjeb; jekk nħarsu lejn it-Tabor nilmħu lil Ġesù jittrasfigura ruħu: naraw lil wiċċu jiddi bħala x-xemx, il-ħwejjeġ isi-

ru bojod bħas-silġ. Jekk inħarsu lejn Tabarija nilmħu lil Ġesù jagħżel lil Pietru bħala rajjes tal-Knisja. Jekk inħarsu... iżda għal fejn neħduha bi twila, jekk fit-Terra Santa seħħew l-aqwa u l-egħżeż ħwejjeġ tagħna Nsara? Jekk it-Terra Santa hi l-art mirfusa, biex hekk ingħid, xiber b'xiber mnn Ġesù, minn Marija u minn Ġużeppi? Jekk hi l-art li semgħet il-biki u t-tnehid ta' Ġesù tarbija? Jekk hi l-art li lemħet l-aqwa egħġubijiet li saħħaħ l-Iben t'Alla? Jekk hi l-art f'kelma waħda, maħsula b'Demmu l-għażiż?

Dan hu, aħwa tiegħi, il-ħjiel tat-Terra Santa. U jista' mela qatt ikun, li aħna ma nħobbux art hekk imbierka? Jista' qatt ikun li aħna ma ninġibdux lejn art hekk għażiża? U min fostna ma jixtieqx imur kieku jżurha xi darba? Min ma jitħajjarx ferm jixteħet quddiem il-Qabar Għażiż ta' Kristu, ibusu u jxarrbu bid-dmugħ ta' għajnejh? U mela l-Misilmin jaraw kif jagħmlu u jmorru jżuru fil-Mekka l-qabar ta' Muhammed, u aħna, Insara Kattolki, xejn ma nfittxu li mmorru nżuru l-Qabar Għażiż ta' Sidna Ġesù Kristu f'Ġerusalem? Ma jistax ifisser xi tħoss il-qalb tan-Nisrani quddiem dak il-Qabar Għażiż ħlief biss min ġarrab. Qatt ma ninsa x'ħassejt fuq dak il-Qabar! U min ma jixtieqx imur iżur is-Santwarji l-oħra tat-Terra Santa?

Jekk ma nistgħux immorru nżuru t-Terra Santa, għall-anqas, inħobbuha u ngħożżuha: ingħinuha mill-aħjar li nistgħu. U nistgħu, tafux, ngħinuha, jekk irridu. Kif, tgħiduli? Billi ninkitbu fl-Opra għażiża tat-Terra Santa, li minnha nitkellmu 'l-quddiem iżjed, f'taqsima għaliha.

*Dun Xand Cortis, D.D.,*
*Miss. Apost.*

---

(*). Ftit ilu, nhar ta' Ħadd filgħodu, kont qiegħed indur fuq il-Monti u l-ħabib u pajżan tiegħi, is-Sur Ġużè Gatt, newwilli naqra ta' ktieb fuq it-Terra Santa. Ħsibt li ma kienx sa jiswieli, imma meta ħarist lejh, sibtu miktub minn Dun Xand Cortis, wieħed mit-tlieta li jien ngħodd bħala mgħallmin tiegħi fil-Lingwa Maltija. U meta ftaħtu rajt li kull ma fih miktub għadu jgħodd għal-lum ukoll, għax fil-Palestina d-dinja ftit li xejn titbiddel, għal kemm ilu miktub fuq il-ħamsin sena. Hawn mela, silta minnu: ġawhra ta' kitba Maltija. 'K il-Bambin irid, inġibu siltiet oħra 'il quddiem. (Nota ta' l-Editur)

## QWIEL TA' SAN PAWL

***Oi dynatoi ta asthenemata ton adynaton bastazein.*** "Dawk li jifilħu għandhom jerfgħu t-tagħbija ta' dawk li ma jifilħux" (Rumin, XV, 1). Din għandha tkun ir-regla fost l-Insara, li għandhom jagħmlu m'hux dak li jħossu li jaqbel lilhom, imma dak li jafu li jrid Alla, li ħalaq lil kull ħadd u jgħożż lil kull ħadd xorta waħda.

***Ei dokei tis einai ti meden on, frenapa eavton.*** "Jekk xi ħadd jaħseb li hu xi ħaġa waqt li m'hu xejn, iqarraq bih in-nifsu" (Galatin, VI, 3). Qawl li hu ċar għal kollox, u ma jeħtieġx tifsir.

# KWIEKEB ĠERREJJA

Bħal ma fis-sema hemm kwiekeb li jduru dejjem dawra waħda, sena wara sena; u hemm oħrajn ġerrejja, li f' daqqa jidhru, idumu ftit, u f'daqqa jgħibu u ma jidhrux aktar; hekk ukoll fid-dinja: hawn nies li jaqbdu l-mixja tagħhom u jibqgħu fiha — jitwieldu, jikbru, jiżżewġu, irabbu, jixjieħu u jmutu, kollox f'ħinu u f'waqtu — hemm oħrajn imbagħad li donnhom la għandhom żmien, la sabar u la mkien; jidhru darba, idumu ftit, jitilqu u ma jidhrux aktar. Fuq tlieta minn dawn li nafhom jien il-Palestina, se nikteb l-erba' kelmiet li ġejja.

**Sebastiano** — L-ewwel sena li għamilt il-Palestina, kont f'raħal sabiħ, imdawwar bl-iġbla u mgħawwem bissiġar, jismu Għajn Karem, li f'dan il-Qari semmejnieh kemm-il darba. Jum wieħed, dħul is-sajf, wara nofs innhar, kif kont fil-ġnien tal-Franġiskani nitħaddet ma' Fra Wiġ, ajk Spanjol, żagħżugħ bħali, il-qanpiena talbieb il-kbir tal-ġnien stemgħet iċċenpel. Mar jiftaħ Fra Zakkarija, ajk xiħ Taljan, u kif fetaħ daħal jiġri żagħżugħ twil u rqajjaq, u ntafa' bilqegħda fuq il-bank ħdejna. Staqsejnieh min kien. Qalilna li kien Sqalli mrobbi l-Amerka, u li kien telaq mill-Amerka moħbi fuq mirkeb u wasal Ġaffa, u minn Ġaffa tala' Gerusalem. U l-Franġiskani ta' Ġerusalem kienu bagħtuh Għajn Karem u ġie hemm, waħdu, bil-mixi.

Jekk kellux xi ittra minn Ġerusalem li uriha lill-Gwardjan ta' Għajn Karem, Patri Montero, ma nafx. Imma l-Franġiskani tawh x'jiekol u kamra fejn jorqod u dam hemm għal ħafna jiem. Billi hu kien trabba l-Amerka u kien jaf tajjeb l-Ingliż, jien kont inħobb nitħaddet miegħu, biex nitħarreġ aktar fil-lingwa Ingliża. Mill-ewwel intbaħt li moħħu ma kienx jaħdem sewwa. Qalli li fi tfulitu kien tgħallem ħafna fuq ir-reliġjon, imma fi kburitu telaq kollox. U li darba waħda, bla ma jaf kif, it-tagħlim ta' ċkunitu ġie kollu f'daqqa ġewwa moħħu. Telaq ix-xogħol, rikeb ġifen u rħiela għall-Palestina. Qalli li kien bi ħsiebu jmur idur mad-dinja u jxandar ma' kullimkien li l-Madonna kienet Alla! Ridt kieku nfiehmu mill-aħjar li kont naf, imma kien kollu mitluf.

Kien jinżel fil-knisja u jieqaf quddiem l-inkwatru ta' Santa Liżabetta (li kien jaħsibha l-Madonna), jiftaħ dirgħajh għamla ta' salib u jitlob bl-Ingliż b'leħen għoli. Jien meta kien ikolli żmien, ma kontx nafdah waħdu, imma kont noqgħod għassa tiegħu li ma jfettillux jagħmel xi bluha. Beda jitlewwem mal-Franġiskani, għad li ma kenux jieħdu għalih. Darba ġiet aħbar minn Ġerusalem biex jibgħatuh id-Desert ta' San Ġwann — xi żewġ mili bgħid minn Għajn Karem — fejn kien hemm Dejr żgħir u ajk Sqalli, bħalu, jismu Fra Giuseppe Caperaro.

Hemmekk mort wassaltu jien. Imma ftit dam hemm, għax hemm ukoll beda jeħodha mal-ħaddiema Għarab Misilmin u jmaqdrilhom dinhom. Għal hekk Fra Giuseppe ma redux miegħu, li l-Għarab ma jinxruhx b'xi daqqa ta' sikkina, u jinqala' ħafna twegħir. Ħaduh Ġerusalem, u wieħed Patri Ingliż — għax dak iż-żmien ma kienx għad hemm Patrijiet Amerikani f'Ġerusalem — li kien fid-Dejr ta' San Salvatur, Father John Forest, ra kif għamel u bagħtu lejn Sqallija.

Xi daqqiet Sebastiano jiġi f'moħħi:

min jaf x'sar minnu? Min jaf għadux ħaj? Min jaf kienx fieqlu moħħu? Aktarx li ma fieqlux u aktarx li s'issa mejjet, għax mard il-moħħ ħaġa kbira biex ifiq, u marid f'idejn il-barranin aktarx li ma jdumx ħaj ħafna. Żagħżugħ bħal dak, ibiegħ is-saħħa, u naqra ta' marda f'moħħu ħassritlu ħajtu. Ara x'dinja din!

**Giacomino** — Minn Għajn Karem kont mort Ġerusalem, u meta kont hemm, għamilt ħbieb ma' żewġ ajkijiet Spanjoli, żgħażagħ, ta' ftit fuq il-għoxrin sena, bħali. Wieħed kien jismu Fra Ġesù — ajk sabiħ għall-aħħar, għajnejh żoroq, imnieħru mislut, leħitu sfiqa u qastnija — u Fra Santiago — ġbinu wasa' u mqabbeż 'il barra, għajnejh suwed u fil-ħofra, ftit xagħar taħt imnieħru u fi lħitu — li jien u oħrajn konna nsibuh bl-isem ta' Giacomino. Kienu jiġu għandi jitgħallmu l-Ingliż imma bosta drabi aktar konna ngħaddu ż-żmien nitħaddtu inkella nitgħallmu.

Għadda ż-żmien u jien tlaqt minn Ġerusalem; mort it-Transġordanja u wara ftit mit-Transġordanja rġajt lejn il-Palestina, fi skola tal-Bjedja, qrib raħal jismu Rafat, qalb ir-raba. Ma' tul daż-żmien kont smajt li Giacomino kien telaq minn mal-Franġiskani u mar l-iskola tal-Patrijarka biex jitgħallem għal qassis. Meta kien jitgħallem kien marad bit-tifu. Ħaduh l-isptar ta' Bethlehem u darba bil-lejl ħarab mill-isptar, għadda minn qalb il-bajtar tax-xewk — u kull ħadd baqa' mistagħġeb kif għadda, għax ma kien hemm imkien minn fejn jgħaddi — u mar bil-mixi, bil-qmis ta' bil-lejl, Ġerusalem. Mar id-Dejr tal-Franġiskani, u ħabbat u fetħulu, u kif rawh hekk ċenplu lil Patrijarka u qalulu x' ġara. Dan bagħat malajr il-karozza tiegħu u żewġ qassisin, li kebbu lil Giacomino fi gverta u ħaduh mill-ġdid lejn l-isptar ta' Bethlehem.

Giacomino wara kien għenelli li fieq, imma moħħu baqa' jhewden. Ħafna drabi meta kien ikun ma' sħabu, kien jaqbad jgħajjat għax kien jaħseb li kien qiegħed jara x-xitan. Sħabu ma reduhx magħhom, għax kien ibeżżagħhom. Fiż-żmien li kont Rafat jien, ġiebuh Rafat, hemm qalb ir-raba, biex għalli jista' jkun igħaddi għall-aħjar.

Mela darba bil-lejl, kif kull ħadd fl-iskola kien jew rieqed jew mimdud, nismgħu lil Giacomino jgħajjat kemm għandu saħħa: "Marijaaa! Marijaaa!" Kull ħadd qam: Don Filippo, id-Direttur, Don Gorla, Don Alfonso u Father Bundy u jien ukoll. Don Filippo fetaħ il-kamra fejn kien Giacomino u xegħel id-dawl. Giacomino kien bilqegħda fuq is-sodda, iħares lejn il-ħajt, dirgħajh miftuħa, ixejjer idejh u saqajh u jgħajjat: "Marijaaa! Marijaaa!" Il-qassisin ġiebu ftit mishun f'żinġla u baħbħulu saqajh u għal dak il-ħin għaddielu. Imma l-għada bewġuh lejn Ġerusalem, u aktarx lejn Spanja, għax ma smajt xejn aktar fuqu.

Hekk ngħid bejni u bejn ruħi xi daqqiet: min jaf fejn hu Giacomino bħal issa? Tgħid kienx fieq? Fejn jinsab bħal issa, fuq l-art jew taħt l-art? Min jista' jaf, jaħasra! Min jista' jaf!

**Nasif** — F'Novembru tas-sena 1928 fl-iskola tal-Bjedja tal-Patrijarka ta' Ġerusalem. din li semmejt l-ewwel, fejn kont ngħallem xi ħaġa jien ukoll dik il-ħabta, ġie wieħed żagħżugħ Għarbi ta' 22 sena, jismu Nasif. Kien jiekol fuq l-mejda magħna u qabel ma jibda jiekol, bħalna, kien irodd is-salib. Imma kien jidher li ma kienx jaf irodd is-salib sewwa. Wara konna nafu li kien Mislem, li ġie hemm għax ried isir Nisrani,

Meta kien ilu hemm ftit u għamilna ħbieb. Nasif kien qalli ġrajjietu. Meta kellu seba' snin, missieru kien ħadu miegħu l-Mekka, u jiftakar li refgħu u ġiegħlu jbus il-Ġebla s-Sewda li għandhom hemm, fil-Kagħba, l-Misilmin. Kienu joqogħdu Tabarija, u darba kif kien fid-dar iqalleb il-kotba sab miktub li nannietu kienu Nsara minn Tuneż u hekk ġietu l-ħajra li jsir Nisrani huwa wkoll. Baża' jitkellem, għax ftit qablu wieħed qaribu kien tħajjar ukoll li jsir Nisrani u tarraf xi kelma lil xi ħadd u ftit wara nsab maqtul filmaqbar tal-Misilmin u ġismu mqatta' f'erbataxer biċċa! Għal hekk Nasif ħarab u mar Ħajfa u hemm kellem lil wieħed Karmlitan jismu Patri Mikiel li bagħtu Ġerusalem għand il-Patrijarka. Il-Patrijarka bagħtu fl-iskola ta' Rafat, biex jitgħallem u jitgħammed hemm.

Hemm, kien jaħdem bi nhar — jaħrat bit-tractor, jew jagħmel xi xogħla oħra — u fil-għaxija jmur isib lil wieħed kjerku Għarbi jismu Selim biex jitgħallem it-tagħlim Nisrani. Dam sejjer hekk għal xi xhur imbagħad għammduh Ġerusalem u l-Patrijarka ried li jissemma Tumas. Il-Patrijarka — dak iż-żmien kien Mons. Lwiġi Barlassina, m'hux Mons. Gori, il-Franġiskan, li hemm il-lum — u l-qassis ta' l-iskola, Don Filippo, ħajjruh biex jibqa' hemm, jaħdem għal Alla, bla flus, bħala raħeb. Hu ma riedx hekk, imma ried li jkollu xi ħaġa talflus. Għal hekk minn meta tgħammed 'il quddiem bdew jagħtuh xi ħaġa, imma ta' qabel ma tawh xejn, għax qalulu li tax-xogħol li għamel kien qiegħed jitħallas għax kien jitgħallem id-Dutrina!

Meta bdew jagħtuh xi ħaġa tal-ħlas, bdew igħabbuh bix-xogħol wisq aktar minn qabel, għal hekk l-imsejken marad, u kellu jmur l-isptar, u meta wara żmien twil ġmielu ħareġ, kellu l-isptar iħallsu minn butu, għal hekk il-ftit tal-flus li kellu għasfru u raġa' safa bla girx. Qagħad ftit taż-żmien ieħor jaħdem fir-raba ta' l-iskola u raġa' beda sejjer lura. Għal hekk qatagħha li jitlaq, u telaq tas-sew u fejn mar ma nafx.

Wara xi sena raġa' ġie sa l-iskola u ma nafx għaliex għax ma saqsejtux. Kien f'taħbila kbira; ma' l-Insara ma riedx jaħdem, għax reduh jaħdem bla flus; mal-Misilmin ma setax jaħdem, għax kien jibża' li jinkixef li kien Mislem u qaleb Nisrani; mal-Lhud anqas, għax dawk ma jħaddmux għajr Lhud oħra bħalhom. Fuq dan kollu kien irrokka żiemel bil-karozza u ħalla l-karozza u ħarab, u l-Pulizija għal hekk kienu qegħdin ifittxuh. Imsejken ta' Nasif, kif qasamli qalbi! Imma jien ukoll kont għarib f'art barranija. Ftit wisq stajt nagħmel għalih.

Wara dik inhar ma żidtx rajtu aktar. U għadu sal-lum daqqiet Nasif jiġi quddiem għajnejja, u naħseb jekk kienx fl-aħħar mill-aħħar għadda t-tiġrib. Rasu ma kenitx marida, bħal Sebastiano u Giacomino. Jalla raġa' sab it-triq il-watja u bħal issa jinsab hieni fid-dar. Jien bi ħsiebni narġa' mmur mawra sal-Palestina; kemm nifraħ kieku narġa' niltaqa' miegħu u noqogħdu nitkellmu ftit!

ELSIE

---

*Theos ou mykterizetai.* "Alla ma jitqarraqx" (Gal. VI, 7). Hekk hu, u kull ħadd jifhem li hekk hu, imma hawn xi nies li donnhom din ma jridux idaħħluha f'rashom. Ġejjin u sejrin il-knejjes, u b'dan kollu kull meta jistgħu ma jħallu qatt li jagħmlu l-ħsara lil għajrhom.

# X'INHUWA L-QORAN

Fil-Palestina, in-naħa tal-Għarab, fejn hemm l-aktar Imkejjen Imqaddsa, l-akbar għadd ta' nies li hemm huma Misilmin. Il-Misilmin huma dawk li jħarsu d-Din ta' Muħammed, jiġifieri l-Qoran. U billi kollox tajjeb li tkun taf, hawn sa ngħidu ftit il-Qoran x'inhuwa, biex jekk wieħed jisma' lil min isemmih, jista' jifhem aħjar.

Il-Qoran huwa l-ktieb imqaddes tal-Misilmin, jiġifieri, kif għedna fuq, ta' dawk in-nies li jħarsu d-Djiena ta' Muħammed, li hawn Malta ngħidulu Mawmettu. Billi l-Għarab qishom kollha Misilmin, għax Pagani fosthom ħadd ma baqa' u ftit wisq hemm Insara, nistgħu ngħidu li l-Qoran huwa s-sies ta' kull ma jemmnu u kull ma jagħmlu l-Għarab, jew il-Misilmin, bħal ma l-Evanġelju għandu jkun is-sies ta' kull ma jemmnu u jagħmlu l-Insara.

Imma l-Qoran u l-Evanġelju, għad li f'ħafna għewejjed li jgħallmu jixbħu lil xulxin, fil-kitba tagħhom hemm għażla kbira. L-Evanġelju huwa l-ewwel ktieb li nkiteb fuq x'qal u x'għamel Ġesù Kristu meta kien fid-dinja; il-Qoran hu, kif jemmnu l-Misilmin, il-ktieb li fih miġbur il-kliem li Allah bagħat jgħid lil Muħammed (kif qal hu, Muħammed) ma' l-Anġlu Grabiel, fuq x'kellhom jemmnu u x'kellhom jagħmlu l-Għarab. Waqt li Ġesù qatt ma qabbad lil ħadd jikteb kliemu, Muħammed kien iqabbad lil xi ħadd jikteb malajr il-kliem li kien igħid li qallu l-Anġlu. Waqt li l-Insara għandhom erba' Evanġelji Kanonki u ħafna Evanġelji Apokrifi, il-Misilmin għandhom Qoran wieħed biss, kanonku, u Apokrifi xejn, għax ħarqu u ħassru l-bqija kollha. Waqt li l-Qoran miktub bil-kliem sew u fil-lsien li qalu Muħammed, l-Evanġelju ta' l-Insara miktub bil-Grieg, ma hux bil-lsien Arami li kien jitkellem Ġesù. Waqt li Muħammed biddel għadd ta' kliem mill-Qoran tiegħu, Ġesù qatt ma biddel kelma li hi kelma, u qal b'enfasi kbira li xejn ma kellu jitbiddel minn kliemu, għall-eternità.

Il-Qoran mela, hu ktieb miktub bil-Għarbi asli, jiġifieri bil-lsien klassku, Għarbi tal-Għarabija, li aktarx hu l-isbaħ u l-aħjar ilsien li hawn fid-dinja. Fih mija u erbataxer (114) taqsima. It-taqsimiet, uħud twal ħafna għax hemm li fihom mitejn u tmenin (280) vers, u oħrajn qosra ħafna li ma fihomx għajr żewġ versi jew tlieta. Kif inhu l-Qoran, it-taqsimiet it-twal tiegħu qegħdin fil-bidu u l-qosra fit-tmiem. Il-Qoran miktub proża bir-rima, jiġifieri l-ħoss ta' l-aħħar biċċa ta' l-aħħar kliem ta' kull vers, ikun jaqbel, qisu għanja, bħal xulxin. Kull taqsima għandha l-isem tagħha bħalli kieku t-taqsima tal-Baqra, it-taqsima ta' l-Indiema, it-taqsima tal-Merħla, it-taqsima tal-Qamar, u dan. Hemm ukoll it-taqsima tal-Madonna, li għaliha Muħammed kellu qima kbira. Kull vers minn dit-taqsima jintemm bil-kliem bir-rima li taqbel ma' "Marija". It-taqsimiet tal-Qoran kollha jibdew bil-formla: "B'ism Allaħ ir-Raħman ir-Raħħim", jiġifieri "Fl-Isem t'Alla, li jagħder u jħenn", qishom ir-radd tas-salib ta' l-Insara.

It-taqsimiet tal-Qoran ma humiex imqegħdin wara xulxin fiż-żmien li qalhom Muħammed. Hemm taqsimiet li Muħammed qalhom fil-bidu ta' żmienu u issa qegħdin fl-aħħar tal-ktieb, u oħrajn li qalhom fl-aħħar u issa qegħdin fl-ewwel. Dan ġara għax meta kien għadu ħaj Muħammed, il-Qoran ma kienx għadu miktub fi ktieb wieħed, imma kien miktub taqsima-taqsima, fuq xi ġebla mielsa jew fuq xi

għadma, jew fuq xi biċċa għuda, jew fuq werqa tal-qasab jew ġilda tan-nagħaġ. U għadd kbir ta' taqsimiet oħra ma kienu miktuba xejn, imma kien hemm nies li kienu jafu jgħiduhom bħal ma aħna ngħidu l-Kredu u s-Salve Regina. Għal hekk, meta t-taqsimiet tal-Qoran kitbuhom ktieb wieħed, fis-sena 634, it-taqsimiet it-twal qegħduhom fil-bidu u l-qosra fit-tmiem.

Il-Qoran inġabar fi ktieb wieħed ftit wara li miet Muħammed, għax beżgħu li biċċiet minnu jintilfu, billi kien hemm gwerra kbira, fis-sena 633 u fiha mietu bosta Għarab li kienu jafu t-taqsimiet minnu bl-amment. Kien hemm aktar minn ġabra waħda u kien hemm għażliet kbar bejniethom. L-aħjar ġabra kienet magħduda dik li għamel wieħed Għarbi jismu Żejd, li fi tfulitu kien Nisrani u qaleb Mislem, għax kien waqa' lsir u Muħammed xtrah u rabbieh bħal ibnu. Fis-sena 650, jiġifieri wara sittaxer sena, Żejd raġa' ħareġ ħarġa oħra tal-Qoran, b'xi tiswijiet u l-ħarġiet ta' qabel ħarquhom kollha, biex bejn il-Għarab ma jsirx tilwim. Dan ġara fi żmien il-Ħalifa Usman (jew Uthman) it-tielet rajjes tal-Għarab wara Muħammed.

Il-Qoran fih tagħrif ta' wisq xorta, wisq drabi mħawwad u m'hux imsensel sewwa ma' xulxin. Fil-Qoran Muħammed isemmi kif deherlu l-Anġlu u tah l-ewwel ħjiel tat-twemmin il-ġdid fuq x'għandhom jemmnu u jagħmlu dawk li jilqgħu d-Djiena tiegħu; xi tbatija hemm fl-infern għan-nies il-ħżiena u x' hena hemm fil-ġenna għat-tajbin. Fuq il-ġrajjiet tal-profeti li ġew fid-dinja qabel Muħammed; ġrajjiet tal-Patrijarki u nies oħra msemmija fil-Kotba Mqaddsa tal-Lhud u ta' l-Insara; fuq kif Alla qered ġnus sħaħ Għarbija għax ma semgħux min-nies li kien bagħtilhom biex ibiddlu ħajjithom. Kif għandu jsir il-ħaqq u kif għandu l-Mislem iselli quddiem Alla. U saħansitra fuq it-tilwim tan-nisa ta' Muħammed in-nifsu, li kellu minnhom, żmien wieħed, ħdaxer waħda.

Id-dommi tal-Misilmin imfissra fil-Qoran huma erbgħa; 1. li Alla hu wieħed, li kien minn dejjem u jibqa' għal dejjem; 2. li Muħammed hu l-Profeta ta' Alla, mibgħut minnu biex jgħallem lill-bnedmin; 3. li hemm l-Anġli, ħbieb tal-



**L-ewwel talba tal-Qoran (dik li hemm b'ittri ħoxnin fl-aħħar ta' l-artiklu).**

Stampa mislufa lilna mill-"Berqa".

bnedmin u hemm id-demonji, għedewwa tagħhom; 4. li l-mejtin għad iqumu, u t-tajbin imorru l-ġenna u l-ħżiena jmorru l-infern. Il-kmandamenti mogħtija fil-Qoran huma ħamsa: 1. il-ħasil tal-ġisem qabel it-talb; 2. it-talb ta' ħames darbiet kull jum; 3. il-għajnuna tal-foqra u l-imsejknin; 4. is-sawma ta' xahar fis-sena, jiġifieri r-Ramadan; u 5 iż-żjara lil Mekka tal-anqas darba waħda fil-ħajja. Min ma jemminx imqar waħda minn dawn id-dommi, ma jkunx

magħdud max-xirka tal-Misilmin, u min jonqos għax irid minn wieħed minn dawn il-ħames kmandamenti, i-kun għamel dnub kbir( qisu xi dnub mejjet ta' l-Insara).

L-ewwel talba tal-Qoran, qisha l-Missierna ta' l-Insara, li jridu jgħiduha mill-anqas ħames darbiet kull jum, hija din: **B'ism Allaħ ir-raħman ir-raħħim; il-ħamdul-Illaħ, rabb il-għalemin. Ir-raħman ir-raħħim. Melek jum id-Din. Ajjak nagħbod u ajjak nistagħin. Aħdina s-sirat il-mustaqim; sirat il-ladin nagħamt għalihom; għajr magħdub għalihom, u wad-dallin.** Bil-Malti jiġifieri: "Fl-Isem t'Alla l-ħanin u li jagħder. Tifħir 'l Alla sid id-dinjiet; il-ħanin u li jagħder; l-imħallef ta' jum il-ħaqq. Lilek naqdu u lilek nitolbu l-għajnuna. Mexxina fit-triq tas-sewwa; it-triq ta' dawk li int tħobbhom, m'hux ta' dawk li int magħdub għalihom u l-imqarrqin".

Dan huwa ħjiel ħafif tal-Qoran u tat-tagħlim li fih, jiġifieri tal-ktieb imqaddes ta' dawk li jistqarru d-Djiena ta' Muħammed. Dan kien ukoll għal mijiet ta' snin it-twemmin ta' għadd kbir minn misserijietna, minn meta ħadu Malta l-Għarab fis-sena 870, sakemm l-Imperatur Federiku t-Tieni neħħa għal kollox id-Din Mislem minn dawn il-gżejjer fis-sena 1250.

*Abu Magħali Ibn Meržuq.*

# MILL-ĦAMIS SAL-ĦADD

**Sijon**

Kien l-erbatax ta' Nisan, lejlet Għid il-Kbir tal-Lhud,, nhar ta' Ħamis, f' xid-disgħa ta' bil-lejl, is-sena ta' Ruma seba' mija u tlieta u tmenin. Is-sema mgħotti bi ċpar samrani. Għal kemm il-qamar mmli, ma kienx jidher minnu għajr tebgħa bajda fuq l-eghmiem, daqqa tikber u oħra tiċkien, mal-ġiri ta' dan, imqaddab minn riħ qawwi fuq wiċċ is-sema. Ġerusalem siekta; in-nies miġburin id-dar, wara li kielu u xorbu, jfaħħru qawwiet Jaħwe u mħabbtu lejn ulied Israel, meta ħariġhom minn art il-jasar.

Minn bieb il-wied, fi djul għoljiet Sijon, ħarġu erba' min-nies; għad li ma kontx tista' tagħrafhom sewwa fid-dlam. Wieħed kien miexi quddiem, waħdu, rasu mgħaddsa, kif jidher im-nikket u għajjien; it-tlieta l-oħra jimxu ma' ġenb xulxin: ir-raġel tan-nofs imdaqqas, xuxtu twila, mitluqa fuq kitfejh bħan-Nażrin. Ta' max-xellug żagħżugħ twil u rqajjaq, b'għasluġ daqsiex f'idu l-leminija; l-ieħor tal-lemin, kien ukoll żagħżugħ, iżgħar minn ta' l-ewwel; xagħru aktarx kbir, ftit imqanfed, kien jistama' jolfoq minn ħin għall-ieħor. Min kienu dawn in-nies?

Dak ta' quddiem, Xmun Bar-Jona, sajjied minn Ġenesar. Dak tan-nofs, Ġesù n-Nażri; ta' ma' ġenbu x-xellug, Jagħkob u ta' mal-lemin Johanan, aħwa, sajjieda wkoll.

Kif tbegħdu mis-swar, l-iżgħar fost iż-żewġt aħwa dar lejn Ġesù u qallu: "Rabbi, għax sa tħallina? Għax ma tibqax magħna?" Dan mejjel rasu lejn iż-żagħżugħ li kellmu biex jisimgħu aħjar, u qallu bil-ħlewwa: "La darba ġejt mis-sema, jeħtiegli narġa' lejn is-sema. Meta l-iben joħroġ middar, ma jibqax barra għal dejjem, imma jeħtieġlu ħin jew ieħor, jarġa' għal dar missieru. Siegħti waslet: kif

ġejt fid-dinja, hekk jeħtieġli narġa' nħalli d-dinja. Imma intom qawwu qalbkom; jaqblilkom li jien immur, biex inħejjilkom fejn toqogħdu f'dar missieri. Għax wara li mmur, narġa' mill-ġdid niġi għalikom u neħodkom miegħi, u nibqgħu flimkien għal dejjem."

Kif qal dan, qasmu l-Wied ta' Kidron, u għabu fid-dlam, qalb is-siġar taż-żejtun.

**Ġetsemni**

Kien għal ħabta ta' nofs il-lejl. Il-qamar għadu moħbi taħt kisja sħab imċajpar, f'nofs is-sema. Ir-riħ iven-ven u jsaffar bejn is-siġar taż-żejtun, fil-Ġnien tal-Ġetsemni. Il-frajja' jissabbtu fuq xulxin u l-weraq iħaxwex. Fuq blata watja, f'tarf il-ġnien, Ġesù




**Pjanta ta' Ġerusalem. — Fix-xellug isfel, jidher iċ-Ċenaklu. Fil-lemin, jidher il-Ġetsemni, u fix-xellug ukoll, mis-swar 'il ġewwa, il-Qabar ta' Kristu.**

n-Nażri kien qiegħed qawqbijiet, fuq irkubtejh, b'wiċċu fl-art, waqt li t-tlieta l-oħra li kienu miegħu mimduda reqdin, ftit 'il fuq minnu. Ġesù, għal rkubtejh kif inhu, kien jitkagħweċ, jokrob u jitniehed, bħal wieħed maħkum minn l-aqwa wġiegħ. Daqqiet jarfa' rasu, iħares lejn il-Ġemgħa l-Kbira tal-Lhud, li hi quddiemu, imidd dirgħajh lejha bil-ħniena, u jgħid b'leħen miksur: "Abba... Abba... biegħed minni dan il-kies!... Abba, biegħdu minni!... Imma m'hux kif irrid jien, kif trid int..."

Ħin wieħed iqum minn għarkubtejh, u jersaq lejn it-tlieta. Isibhom reqdin u jqajjimhom. Johanan jintebaħ li Ġesù kellu wiċċu miblul. Iħares sewwa lejh fid-dawl mitfi tal-qamar; jinħasad: wiċċ ir-Rabbi kien imxarrab bid-demm!

Ġesù jarġa' jmur u jixteħet għarkubtejh bħal qabel. "Niżżik ħajr, ja Alla, talli smajtni!" jistama jgħid. "Waslet is-siegħa li ssebbaħ 'l Ibnek, u Ibnek isebbaħ lilek fuq l-art!" Ftit wara r-Rabbi kien miexi 'l quddiem, bi ħdaxer sieħeb miegħu, u jmur jieqaf fid-daħla tal-ġnien.

Waslet raxxa nies, kbarat Lhud u għassiesa Rumin, bi mnajjar, oħtra, sjuf u ħbula. Jaraw lil Ġesù jistamtu u ħadd ma jitħarrek. Ġesù jiftaħ fommu l-ewwel: "Lil min intom tfittxu?" isaqsihom b'leħen ta' sid. "Lil Ġesù n-Nażri", wieġeb rajjes il-gliba. U Ġesù: "Jien huwa!" wieġbu mill-ġdid. Jara li ħadd ma tħarrek, Ġesù jarġa' jsaqsi: "Lil min intom tfittxu?" "Lil Ġesù n-Nażri," raġa' wieġbu ta' l-ewwel. Għidtlek li jien huwa. Jekk intom tfittxu lili, ħallu lill-oħrajn imorru!" Ftit wara Ġesù kien marbut u meħud fost il-għases lejn Ġerusalem.

**Il-Blejta**

Il-għada fil-għodu, għal ħabta tal-għaxra, fil-bitħa tal-Blejta, fuq ir-riħ tal-Ġemgħa l-Kbira tal-Lhud, fejn il-Ħakem Rumi kien igħammar mal-għassiesa, kien jistama' sa minn bgħid, għajjat, twerżiq, tisfir u għawa mill-akbar. X'kien ġara? Il-Ħakem ma jridx jibgħat għal mewt lil Ġesù, li l-kbarat tal-Lhud kienu ġebuh biex isallbu, sa minn għodu.

Il-Ħakem kien wieqaf f'ras it-taraġ li jagħti għal fuq il-bitħa, u l-ġemgħa tan-nies, bħal baħar taħt il-qilla tar-riħ, tmewweġ u tgħajjat, b'dirgħajhom merfugħa: "Sallbu!... sallbu lil dan!... eħles lil Bar-Abba!... sallbu lix-xewwiex!"

Il-Ħakem uriehom li jrid jitkellem. Kif siktu qalilhom b'leħen maqtugħ: "Ħuduh u sallbuh intom! jiena ma nsibx fih ħtija!"

Ma kenitx kelma! In-nies bdiet tagħrar, taqbeż u xxejjer idejha: "Għandu jmut, għax għamel ruħu Bin Alla!" Il-Ħakem jisma' dan, daħal ġewwa mbażża' fejn Ġesù kien marbut fost il-għases, u saqsieh biered: "Imnejn int?" Imma Ġesù ma weġbux. Raġa' l-Ħakem: "Lili ma tweġibx? Ma tafx li għandi s-setgħa li neħilsek jew insallbek?" Ġesù ħares lejh bil-ħniena u qallu b'leħen ta' mogħdrija: "Ma kien ikollok ebda setgħa fuqi li kieku ma ntagħtlekx mill-oħrajn. Għal hekk min ġiebni f'idejk, għandu akbar ħtija!"

Il-Ħakem fehem kliem Ġesù. Libet u raġa' ħareġ barra, mismut. Sikket lin-nies u qalilhom: "Jiena ma nistax nibgħat għal mewt raġel li qatt ma għamel deni. Ara kif ħadd minnkom, b'kull ma għedtu, ma wera li hu ħati. Jaqbel mela li neħelsu."

Wieħed mix-Xjuħ tal-Lhud li kien qudddiemu, qal lil Ħakem: "Jekk teħelsu, m'intix ħabib ta' Qajsar. Taf li dan irid jagħmel ta' bir-ruħu li hu sultan il-Lhud!" Dal-għidut laqat lil Ħakem fil-laħam il-ħaj. Imgerrex daħal ġewwa u qabbad lill-għassiesa jġibu lil Ġesù quddiem in-nies. Hu qagħad bil-qegħda fejn jarah kull ħadd, ħasel idejh f'żingla tal-fidda u qal lil-Lhud: "Nagħmel kif tlabtu; mill-bqija ma għandix x'naqsam mad-demm ta' dar-raġel safi. Aħsbu intom! Weġbuh: "Demmu fuqna u fuq uliedna!"

Il-Ħakem qam u mar. Il-għassiesa ġiebu tliet slaleb. Libbsu lil Ġesù ħwejġu u għabbewh is-salib. Għabbew is-slaleb l-oħra liż-żewġ ħatja li kellhom imutu dak inhar. Ir-rajjes rikeb iż-żiemel u saq quddiem il-koll. Il-għassisa tqassmu sarbut kull naħa, u mxew fost il-għajjat tal-ġemgħa lejn in-naħa fejn Ġesù kellu jkun mislub.

Saru dwar it-tlieta ta wara nofs in-għar. Iċ-ċpar li magħqud fuq ix-xemx, ħxien u swied daqshekk, li għal kemm baqa' kemm il-siegħa nhar, kont taħseb li x-xemx għebet. Fuq il-għoqba tal-Golgota, qrib waħda is-sur imbagħad, raxxa għassiesa maċ-Ċenturjun tagħhom, bil-qaws u n-nixxieb f'idejhom, biex jekk tqum xi tixwixa, jistgħu jirgnuha bla taħbit kbir.

Dak il-ħin, Ġesù kien jidher li wasal biex imut. Rasu mitluqa fuq sidru, għajnejh magħluqa, ma kienx jitħarrek għajr it-taħrik mieħel u meqjus



Ġerusalem. — Kif u fejn kienet il-Blata tal-Golgota fiż-żmien li sallbu fuqha lil Ġesù. Fix-xellug jidhru s-swar ta' Ġerusalem, li minnhom 'il ġewwa kienet il-belt. Fil-lemin jidher il-ġnien ta' Ġużeppi t'Arimatija, u f'nofs is-siġar, bil-bieb wiesa' jidher il-Qabar ta' Kristu. Il-qabar l-ieħor jgħidulu l-qabar ta' Ġużeppi t'Arimatija, li fdal minnu għadu jidher sal-lum, wara l-Qabar ta' Kristu. Il-bir, fil-lemin, għadu hemm ukoll, issa jgħidulu l-bir ta' Santa Liena. Dix-xbieha maħżuża mill-kittieb li għamel żmien twil Ġerusalem u rtokkjata mill-Pittur Rafel Bonnici-Calì.

mir-rkieni ta' swar Ġerusalem, Ġesù kien mislub mat-tnejn l-oħra, sa minn qabel nofs inhar. Għajr it-tliet imsallbin fuq il-għoqba kien hemm it-tnaxer sallab, jistennew l-amar biex joqtlu l-imsallbin u jaqelgħuhom mis-salib. Ma' dwar il-għoqba kienu weqfin il-għassiesa biex ma jħallu 'l ħadd joqrob lejn l-imsallbin, waqt li rajjishom miexi qajl-qajl, idur ma' dwarhom biex jara hux kollox sewwa. Bejn is-swar u l-għoqba kien hemm qatiegħ nies, aktarx Lhud u ftit barranin. Fuq tan-nifs. Johanan, iż-żagħżugħ li kien il-Ġetsemni, kien jinsab hawn ukoll. Kif ra li Ġesù wasal fl-aħħar resaq lejn rajjes il-għassiesa u sellimlu bil-qima. "Xi trid?" saqsieh dan bil-herra. "Hawn il-qraba ta' dak il-mislub, iridu jmorru ħdejh" wieġbu Johanan, ftit imbażża' "Huma tlieta l-mislubin; liema minnhom?" saqsa aħrax ir-rajjes. "Dak tan-nofs," wieġbu Johanan, juri b'sebgħu lil Ġesù.

Ir-rajjes jara tliet nisa jħarsu filqrib, jistennew it-tweġiba, u jagħraf

li kienu qrabat Ġesù, qal liż-żagħżugħ: "Għidilhom jiġu!"

Joħanan u t-tliet nisa warajh telgħu l-għoqba. Ir-rajjes kellem lis-sallaba u dawn ħallewhom jersqu lejn l-imsallbin. Joħanan mar waqaf quddiem l-imsallab tan-nofs u waħda min-nisa marret miegħu. "Rabbi... Rabbi..." beda jsieħ Joħanan, kif ra li Ġesù ma tħarrikx. Ir-Rabbi jisma' min isejjaħlu bħal stenbaħ. Rafa' ftit rasu, bexxaq għajnejh imdemmgħa. Jara ma' ġenbu 'l dik il-Mara, bħal tbissem. Kienet Ommu. "Mara, ara ibnek!" qal Ġesù b'leħen kemm-kemm jistama'. Imbagħad liż-żagħżugħ: "Ara Ommok!" Raġa' għalaq għajnejh u telaq rasu fuq sidru.

Ftit wara Ġesù miet. U ma' nżul ix-xemx, wara li kienu qalgħuh missalib, u keffnuh kif inhi d-drawwa tal-Lhud, difnuh f'demus ġdid, qrib il-għoqba fejn kien mislub.

**Il-Għorfa**

Kien nhar il-Ħadd fil-għaxija. Għaxra minn sħab Ġesù kienu miġmugħa fil-għorfa ta' Mirjam il-Koprija, fuq għoljiet Sijon. Kienu mbeżżgħa, qalbhom sewda u ħosbiena. Marija l-Madalena kienet qaltilhom dik il-għodwa li rat lil Ġesù ħaj mill-ġdid, imqajjem minn bejn l-imwiet. Imma min sa jemmen lin-nisa? Xi ħbieb kienu ġebulhom xi ħaġa x'jieklu — ħobż, ħut u għasel — imma ħadd ma kellu l-ħila jduq. Il-ħin dieħel, u bil-qegħda kif kienu, ħadd ma ried ikun l-ewwel li jtħarrek. F'daqqa waħda, dawl abjad, qawwi idda fil-għorfa. Huma ndehxu. Ħin wieħed Ġesù deher f' nofshom, ferħan, daħkani, qawwi sħiħ u mimli bil-ħajja.

"Is-sliem għalikom!" qalilhom Ġesù, b'idejh merfugħa, donnu biex igħannaqhom. "Is-sliem għalikom!" Ġejt inhennikom bħal ma missieri henna lili!"

Il-għaxra, jaraw lil Ġesù, li kienu jżommuh b'mejjet, twerwru. Irtassu u nħbew 'l hawn u 'l hemm fir-rkejjen. Ġesù biex jagħmillhom il-qalb beda jkellimhom bil-ħlewwa u jgħidilhom: "Jiena huwa; la tibżgħux! M'iniex ruħ! Ejjew missu jdejja. Araw kif għandi l-laħam u l-għadam, li l-erwieħ ma għandhomx...!"

Il-għaxra, wieħed - wieħed, bdew jersqu ma' dwaru. Ġesù qagħad bilqegħda u saqsiehom jekk kellhomx xi ħaġa x'jieklu. Ġebulu li kellhom: ħobż, ħut u għasel, u qagħdu huma wkoll ma' dwaru. Qassam il-ħobż u l-ħut u tahomlhom. Kielu flimkien u x'ħin ħelsu, iżżew ħajr 'l Alla, u Ġesù beda jitħaddet fuq li kien għallimhom qabel ma kien mislub.

ELSIE

(*) Dil-kitba miktuba l-Palestina, f'Marzu tas-sena 1930, meta Elsie kien ilu għaxar snin hemmekka.

---

## QWIEL TA' SAN PAWL

*Me ta eavton ekastoi skopountes, alla kai ta eteron ekastoi.* "Kull bniedem m'hux ta' dak li jaqbel lilu għandu jieħu ħsieb, imma ta' dak li jaqbel lill-oħrajn" (Filippin, II, 4). Dil-kelma tidher ftit għariba, imma kieku l-Insara kollha jagħmlu hekk, ma tkun għariba xejn, għax bħal ma hu jieħu ħsieb l-oħrajn, hekk l-oħrajn jiehdu hsieb tiegħu.

# MIĠJA U QAGĦDA TA' SAN PAWL F'MALTA

Il-ġrajja ta' kif San Pawl wasal f'din il-Gżira tinsab miktuba fil-ktieb ta' "Għemil ir-Rosoli" jew "Atti ta' l-Appostli" fejn jingħad kif il-mirkeb li fuqu kien San Pawl u sħabu waħal f'ħalq ta' baħar fi gżira jisimha Malta.

Kif kienet Malta meta ġie San Pawl? Naraw ftit kif kienet u nibdew naqra mill-bgħid.

Ħed, dak il-ġens ta' nies li jgħidulhom Kangħanin.

Imma billi żewġ skieken ma joqogħdux f'għant waħda, meta Ruma kibret ma setgħux joqogħdu t-tnejn, Ruma u Kartaġni, bħala slaten f'dan il-baħar ta' ma' dwarna, li jgħidulu Mediterran. Ruma riedet għaliha dan il-baħar tannofs li kien mitmiegħex mill-Kartaġini-



Il-ġifen li raw il-Maltin fil-għodu bikri, u niżlu x-xatt biex jagħtu l-għajnuna. Xbieha xjentifka meħuda mill-ktieb tal-Kaptan Smith, R.N.

Malta damet għal żmien twil taħt idejn il-Fenikijin, li arthom, il-Fenikja hi fuq xatt il-baħar tas-Surija, u mbagħad taħt idejn il-Kartaġinijin, nisel il-Fenikijin ukoll, li arthom kienet in-naħa ta' fejn igħidulha Tunes il-lum. Dawn in-nies kienu kollha ta' ġens wiejin, u għalhekk bejn dawn iż-żewġt iġ-nus beda l-ġlied. Damu jagħtu snin kbar imma fl-aħħar Ruma għalbet u sa minn qabel ma kien temm il-ġlied, Malta waqgħet taħt idejn ir-Rumani, ma' dwar is-sena qabel Kristu mitejn u sittax (216).

Billi Malta ma kenitx bgħida minn Kartaġni x-xwieni tal-Kartaġinjin kienu ġejjin u sjerin u n-nies ta' hawn kienu 'l quddiem sewwa fil-għelm u fis-snajja u fil-biedja wkoll. Għalhekk ir-Rumani meta ġew ma sabux bans xi nies lura u għalhekk magħhom ma ġibux ruħhom ħażin. Ara kemm huwa hekk li lill-Maltin ingħatatilhom ħakma kemm hi, għax hekk kien isir dak iż-żmien u hekk għadu jsir il-lum ukoll f' xi naħat. Ara l-Belt ta' Damask jgħidulha x-**Xam**, u l-art kollha ta' ma' dwarha, fis-Surija, igħidulha x-**Xam** ukoll. Il-Kajr igħidulu **Masar** u l-Eġittu kollu jgħidulu **Masar** ukoll.

Il-Imdina u ma' dwarha sal-lum, kull fejn tħaffer issib ħireb Rumani b'



**Malta. — Knisja ta' San Pawl Milqi, mibnija fuq il-fdal tal-"Farm" ta' San Publju, fejn San Pawl qagħad għal xi żmien qabel ma tala' l-Imdina.**

qisha Awtonomija u l-Ħakem jew Prim Ministru (Proton tou Nisou) kien ikun Malti għad li jieħu isem Ruman.

Bosta għonja Rumani kienu jibnu djar hawn Malta u joqogħdu fihom jew għal dejjem jew għal xi żmien. Tempji Rumani kien hawn mhux ftit u tijatri wkoll 'l hawn u 'l hemm. Il-qalb ta' Malta kienet l-Imdina fejn kienu jgħammru l-għonja qishom kollha, Rumani u Maltin. L-Imdina kien jisimha Melita u minnha ħadet l-isem il-gżira kollha biċċiet ta' statwi, fuħħar, mużajk u rħam bil-kitba ta' dak iż-żmien. Għax il-Maltin ta' hemm fuq, ma għandniex x'ingħidu, kienu jgħixu bħar-Rumani, għax dejjem hekk jiġri, bħalma hawn ħafna Maltin igħixu ta' Ingliżi hawn Malta l-lum.

Il-foqra — sajjieda, bdiewa u ragħajja — kienu jgħixu fir-rħula u dawn kollha kienu nisel il-Kartaġinijin il-qodma. Barra minn dawn kien hawn raxxa Grekin u xi ftit Lhud.

Hekk kienet mela Malta meta wasal fiha San Pawl, f'Novembru (mhux fi Frar) tas-sena sittin wara li twieled Kristu.

Dari l-ajru — u miegħu l-baħar — kien jagħmel tiegħu aktar milli narawh jagħmlu l-lum. Min għandu 'l fuq minn xi mkien in-naħa tal-Wardija u Bur-Marrad, jaraw ġifen, marbut, jogħla mal-ħalel tal-baħar, bejn il-gżejjer u Bu-Ġibba. Ħafna minnhom ħarġu barra, isaqsu 'l xulxin dak il-ġifen x' sata' kien. Marru fuq il-blat u raw in-nies ta' fuq il-ġifen jixħtu l-qamħ il-



**Sa fejn kienet tasal l-Imdina (li r-Rumin u l-Griegi kienu jgħidulha "Melite") meta ġie Malta San Pawl. Il-ħażż iswed juri l-foss tal-belt, li għadu hemm sal-lum.**

ħamsin sena jiftakar fil-ġmiegħi sħaħ xita nieżla dejjem, irjieħ jonfħu u l-baħar jirgħa u jogħla donnu jrid jibla' l-blat. Dan issa naqas, imma la kien hekk ħamsin sena ilu aħseb u ara x'kien jagħmel elfejn sena ilu meta wasal Malta San Pawl.

Kienet mela taqliba minn dawn it-twal li damet aktar minn erbatax-il jum li ġiebet Malta lil San Pawl.

Kif sebaħ, mela għodwa waħda, il-Matin Kartaġinijin, xirfu jħarsu mill-bibien u t-twieqi tal-għorof tagħhom, baħar, u għall-ħabta ta' xi d-disa' raw lill-baħħara jtellgħu l-qala ż-żgħir ta' quddiem u niżżlu ż-żewġ tmunijiet, u għarfu li l-kaptan kien sa jara fejn idaħħal il-ġifen. Il-baħrin qatgħu l-erba' ankri, il-ġifen, miexi u jixxengel u jogħla, wasal Tal-Għażżenin, u l-pruwa tiegħu waħlet bejn żewġ blatiet.

In-nies ta' fuq il-ġifen qabżu l-baħar, u bil-għajnuna tal-Maltin-Kartaġinijin, kollha telgħu l-art qawwin sħaħ. Minn xi kelma bil-lsien Kangħani jifhmu x' kienet il-biċċa. Dawk li qabadhom il-

baħar, imsejkna, kienu qraba u ħbieb. Kien hemm ħafna Lhud u Surijin, qraba tal-Maltin mid-demm, u l-bqija għassiesa Rumani, ħbieb tal-Maltin, għax Malta kienet taħt il-ħakma tagħhom. Għalhekk għamlu mill-aħjar.

Hekk ħaduhom f'naħa kennija u ħarġu kemm ħatab kellhom, marbut qatet u maħlul, ħatab ta' Malta u ħatab li minn dan jidher li l-lifgħa kienet ġiet minn barra u Malta ma kienx hawn lifgħat. Għax kieku kien hawn, ir-raħħala Maltin kien ikollhom xi duwa għal gdim tagħha u kienu jagħmlu minnha u jtabbu lil San Pawl, biex ma jmutx, mhux joqogħdu jitħadtu fuqu biss.

Imma San Pawl ma kienx jeħtieġ duwa. Farfar il-lifgħa fil-ħuġġieġa u



Ħjiel tal-Kommendatur Abela ta' kif kienet l-Imdina, il-Belt il-Kbira ta' Malta, fi żmien ir-Rumani, meta ġie Malta San Pawl. Il-foss u żewġ pontijiet jidhru fuq ix-xellug. Fil-lemin jidher il-Palazz ta' San Publju, u 'l isfel minnu, bħal koppla, il-knisja ta' Hera, alla tar-Rumani.

kienu xtraw minn barra biex jaħmu l-ħobż jew jagħmlu l-ġir, u xegħlu ħuġġieġa kbira. Imsejkna baħħara, mirżuħin u mxarrba, daru ma' dwar il-ħuġġieġa biex jinxfu u jiddeffew.

San Pawl ma kienx kburi. Qabad hu wkoll iġorr il-ħatab u jixħet fuq il-ħuġġieġa. Imma kif sa jixħet qatta, toħroġ minn ġewwa fiha lifgħa u taqbadlu ma' idu donnha għalaq.

Ir-raħħala li raw dan inqatgħu. "Tassew li dan xi qattiel," qalu. "L-allat ma jriduhx ħaj. Ħeles mill-għarqa issa sa jmut bis-semm.

Ħsara ma ġarrab xejn. "Dan xi wieħed mill-allat", qalu l-Maltin, "la darba anqas semm il-lifgħa ma jaqta' fih."

Nies il-Ħakem lemħu d-dħaħen u l-ħuġġieġa u niżlu mill-Imdina fuq iż-żwiemel biex jaraw x'kien ġara. Bagħtu aħbar lill-Ħakem li niżel huwa wkoll, u laqa' l-baħħarin fil-Villa li kellu dik in-naħa — il-baħħarin kienu b'kollox mitejn u sitta u sebgħin ruħ — u għamlilhom bħal għid, jew festa, biex jinħjew u jinsew x'kienu batew fuq il-baħar dawk il-jiem. Imbagħad telgħu l-Imdina, maċ-Ċenturjun,

San Pawl dam Malta tliet xhur u x' għamel f'dawn it-tliet xhur ma hemmx miktub fil-ktieb li għedna, għajr li fejjaq kemm morda kien hawn u lil missier il-Ħakem l-ewwel nies. Imma jekk tqiegħed ħaġa ma' ħaġa tifhem malajr li San Pawl kien għamel ħabib ma' dawk in-nies li kienu daru bih meta ħeles mill-għarqa u baqa' jmur iżurhom u jgħallimhom u għammidhom u għamilhom insara, għad li San Luqa ma qal xejn.

Kif hemm miktub, meta San Pawl ħeles mill-għarqa u silem, jew baqa' qawwi sħiħ, mill-gidma tal-lifgħa, inġrajja, għalhekk aktarx li ċ-Ċenturjun li kellu fi ħsiebu lil San Pawl kien għadu ħaj. Kieku nkiteb li San Pawl għallem id-Din Nisrani f'Malta, iċ-Ċenturjun sata' jiġi fid-deni għax ma setgħax jagħmel dan għajr li jkun hu tah il-ħalla jew permess. U la darba San Pawl kien maqbud u sejjer Ruma ħtija tat-Tagħlim Nisrani, kif iċ-Ċenturjun iħallih, taħt għajnejh, itenni dik il-ħtija mill-ġdid?

Li San Pawl sejjes id-Din Nisrani fost il-Maltin hi ħaġa minnha, imma ssejb tal-fdalijiet fl-oqbra ta' wara li ġie San Pawl f'Malta juri li sa mill-inqas,



**Ir-Rabat. — Il-Grotta fejn qagħad San Pawl għal xi żmien, meta kien Malta.**

nies li rawh ħasbuh xi alla u għalhekk ma jistax ikun li ma saqsewhx hu x'alla kien. U la saqsewh ma jistax ikun li hu ma qalilhomx li hu ma kienx Alla imma qaddej t'Alla u hekk sab it-tarf b'dik il-mistoqsija biex jibda jgħallimhom, fuq kollox meta kien ix-xogħol tiegħu dak it-tagħlim.

Din li fil-ktieb tar-Rosol ma hemm imsemmi xejn li San Pawl għallem f' Malta, tista' tiftiehem ħafif ħafna. Għax dak il-Ktieb inkiteb xi sentejn wara ltliet mitt sena wara li San Pawl kien żar Malta, kien għad fadal il-Pagani. Sa dak iż-żmien kienu għadhom meta jidfnu bniedem jaħarqu ieħor u jqiegħdu l-għadam tal-maħruq ġewwa l-qabar mal-midfun. L-insara ma jistax ikun li kienu jagħmlu hekk. Ma nsemmux ħwejjeġ oħra biex ma ntawlux.

Issa għandna xi għeliem li San Pawl sejjes id-Din Nisrani f'Malta? Għandna, iwa, u għandna għeliem mhux tajjeb bi ftit.

Għandna l-isem ta' **Pwales. Pwales** ma hux isem ir-raba', għax il-Pwales kienu n-nies li jgħammru dawk in-naħiet. Pwales hu l-plural ta' Pawlus, bħal: Żejtun, Żwieten; fellus, flieles. Pawlus wieħed u Pwales ħafna. Dawk li laqgħu d-Din ta' Pawlus issemmew Pwales, mhux **Christiani,** minn **Christus** bħal ma ssemmew f'Ruma. Laqgħu d-Din ta' Pawlus għalhekk Pwales issemmew.

Din hi mela fuq fuq l-istorja ta' kif ġie San Pawl f'Malta u ta' kif inżara' d-Din Nisranj f'dawn l-artijiet.

Lu.

---

# L-EVANĠELJU TA' SAN PAWL

L-Appostlu Missierna San Pawl fl-Ittri tiegħu fis jinqeda bil-kelma "Vanġelu". Din hija kelma griega li tfisser "aħbar tajba". Kull aħbar tajba tissejjaħ "Vanġelu", imma għall-insara l-kelma "Vanġelu" ħadet tifsira oħra. Il-kelma "Vanġelu" f'ħalq l-insara ma tfissirx biss kull aħbar tajba, imma tfisser dik l-aħbar tajba fuq il-ħajja u l-ħidma ta' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għall-fidwa tal-bnedmin. Din hija t-tifsira tal-kelma "Vanġelu", meta aħna ngħidu l-Vanġelu ta' San Mattew jew ta' San Ġwann.

Il-kelma "Vanġelu" tfisser it-tagħlim ta' Ġesù u t-tagħlim fuq Ġesù, li miet u qam mill-mewt għall-fidwa tal-bnedmin, u lj l-Appostli bdew ixandru fost il-Lhud u fost il-Ġentili. Dan huwa l-"Vanġelu" li l-Appostlu Missierna S. Pawl (li x'aktarx kien l-ewwel wieħed fost l-Appostli u l-insara kollha lj nqeda b'din il-kelma), mar ixandar, il-fidwa tal-bnedmin, imwettqa minn Sidna Ġesù Kristu, għal dawk li jemmnu fih u li jiksbu l-fidwa bis-saħħa tal-Passjoni ta' Ġesù.

Għalhekk lir-Rumani San Pawl kitbilhom: "Għax jiena ma nistħix mill-Vanġelu. Għax il-Vanġelu huwa s-setgħa ta' Alla li tifdi lil kull min jemmen, l-ewwel lill-Lhudi, imbagħad lill-Grieg" (Rom. I, 16). U lil dawk ta' Efesu: "Wara li intom smajtu l-kelma tas-sewwa, il-Vanġelu tal-fidwa tagħkom, u emmintu f'Ġesù, ħadtu l-għelm ta' l-Ispirtu Mqaddes, imwiegħed lilkom" (Eph. I, 13).

San Pawl isejjaħ dan il-Vanġelu l-"Vanġelu tiegħi", **Evangelium meum** (Rom. II,16; XVI, 25; 2 Tim. II, 8), jew il-'Vanġelu tagħna" **Evangelium nostrum** (I Thes. I, 5; 2 Thes. II, 13; 2 Cor. IV, 3). Huwa tħaddet fuq il-Vanġelu tiegħu bi kliem bħal dan: "Issa, ħuti, jiena rrid ngħarrafkom dak il-Vanġelu li kont xandartilkom u li wkoll intom kontu lqajtu u li fih tinsabu. Bih intom ġejtu mifdijin, jekk intom tibqgħu sodi fih kif jiena kont xandartulkom: inkella t-twemmin tagħkom ikun fieragħ (1 Cor. XV, 1-2). San Pawl igħid ukoll kif tgħallem dan il-Vanġelu, mhux le minn bnedmin oħra, imma mingħand Sidna Ġesù Kristu nnifsu (Gal.I, 11; II, 21).

U x'kien dan il-Vanġelu ta' S. Pawl? Igħidulna huwa stess: "Li l-Ġentili għandhom ikunu (bħal Lhud) werrieta u mseħbin fl-istess Ġisem u jkollhom sehem fil-wegħda ta' Ġesù fi Kristu Ġesù permezz tal-Vanġelu, lj tiegħu jiena sirt ministru, minħabba l-għotja tal-grazzja ta' Alla, li lili ġiet mogħtija skond il-ħidma tal-qawwa Tiegħu. Lili, lanqas wieħed fost il-qaddisin kollha, ġiet mogħtija l-grazzja li nxandar qalb il-Ġentili l-għana qatt imfittex ta' Kris-

tu u li ndawwal lill-bnedmin kollha, biex ikunu jistgħu jaraw x'inhija x-xandira tal-ħwejjeġ misturin li kienu moħbija sa minn dejjem f'Alla li ħalaq kollox'' (Ephes. III, 6-9).

X'uħud li jgħixu barra mill-Knisja Kattolika ħasbu li San Pawl kellu Vanġelu għalih; Vanġelu li ma kienx jaqbel ma' dak ta' l-Appostli l-oħra u għalhekk lanqas ma' dak ta' Kristu. L-Appostli, u fosthom San Pietru, donnhom kienu jridu li l-Vanġelu jiġi mxandar fost il-Lhud biss u li l-Ġentili ma kellhomx sehem u ma kenux werrieta bħal-Lhud u daqs il-Lhud fil-fidwa mwettqa minn Sidna Ġesù Kristu; biex il-Ġentili kienu jistgħu jieħdu sehem fil-Vanġelu, kien jeħtieġ qabel xejn li jħaddnu l-Liġi ta' Mosè, imbagħad mil-Liġi jgħaddu għall-Vanġelu. Dan il-Vanġelu, biex insejħulu hekk ''partikularista'', ma sarx il-Vanġelu Universali jekk mhux bil-ħila ta' San Pawl!

Kristu għażel l-Appostli Tiegħu u żejjinhom b'kull setgħa u bagħathom ixandru l-Vanġelu lill-ħlejjaq kollha u mhux biss lil-Lhud: imma billi Huwa stess għêx u ħadem fost il-Lhud, l-Appostli wkoll bdew il-ħidma tagħhom ġewwa Ġerusalem, fil-Ġudea u fil-Galilea, minn fejn il-ħidma tagħhom inxterdet fl-artijiet l-oħra, fis-Samarija u fil-Provinċji ta' l-Imperu Ruman, sa ġewwa Ruma. San Pawl ried ixandar il-Vanġelu fost il-Ġentili, għaliex għalhekk ġie msejjaħ minn Kristu, imqajjem mill-mewt, meta deher lil San Pawl fuq it-triq ta' Damasku. Iżda Pawlu wkoll dejjem jistqarr li l-ewwel il-Lhud, imbagħad il-Ġentili. Għalhekk il-Vanġelu ta' Pawlu huwa l-Vanġelu ta' Kristu, il-Vanġelu ta' l-Appostli l-oħra.

Tabilħaqq, dak li San Pawl isejjaħ il-**Vanġelu tiegħi** jew il-**Vanġelu tagħna,** sejjaħlu wkoll il-Vanġelu tal-**Mulej** (2 Thess. 1, 8), il-Vanġelu ta' **Kristu** (Rom. XV, 19; 2 Cor. 11, 12; IX, 13; X, 14; Gal. 1, 7; Phil. 1, 27; 1 Thess. III, 2), il-Vanġelu ta' l-**Iben t'Alla** (Rom. I, 9); u fl-aħħarnett il-Vanġelu **t'Alla** (Rom. I, 1; XV, 16; 2 Cor. XI, 7; 1 Thess. II, 2; 8, 9). San Pawl qatt ma semma l-Vanġelu tiegħu bħala Vanġelu divers minn dak ta' Sidna Ġesù Kristu u meta jgħid li jekk hu stess jew xi anġlu mis-sema jxandrilkom Vanġelu ieħor minn dak li jien xandartilkom ikun misħut (Gal. I, 8), b'dan il-kliem huwa ried ifisser li t-tagħlim tiegħu kien minnu, li l-Ġentili kienu jistgħu jħaddnu l-Vanġelu mingħajr ma qabel iħaddnu l-Liġi ta' Mosè. Min igħallem il-maqlub ikun qiegħed igħallem Vanġelu ieħor, Vanġelu ta' qerq, u għalhekk għandu jiġi misħut.

Kien għalhekk li San Pawl deher tabilħaqq l-Appostlu tal-Ġentili u ħadem sabiex il-Vanġelu ta' Kristu jiġi mxandar fost il-ġnus kollha.

*P. Serafin M. Zarb, O.P.*

---

## QWIEL TA' SAN PAWL

*Parastesate eavtous to Theo osei ek nekron zontas.* "Uru ruħkom 'l Alla bħala ħajjin fost il-mejtin." (lir-Rumin, VI, 13). Jiġifieri: għixu f'did-dinja ħażina, qiskom f'maqbar, tbatu bl-intejjen tad-drawwiet ħżiena ta' l-oħrajn, imma żommu nfuskom indaf mit-tinġis tagħhom. San Pawl kiteb dal-kliem lill-Insara ta' Ruma, il-belt li dak iż-żmien kien tas-sew jixirqilha l-isem ta' fossa tal-mejtin għall-kotra ta' vizzji tan-nies tagħha.

# L-ISTORJA TA' SAN PAWL

San Pawl, kif qal hu n-nifsu (Atti XXII, 3) għad lj kien Lhudi, twieled barra mill-art tal-Lhud, il-Palestina, għax twieled f'Tarsu, belt imsawra tal-Kilikja (il-lum biċċa mit-Turkija), bejn snin 1 u 5 kif ngħoddu l-lum, jiġifieri kien minn tlieta sa ħames snin iżgħar Pawl kien ukoll "civis Romanus" minn twelidu, jiġifieri li dan l-isem wirtu minn missieru. Jekk missieru kienx kiseb dan l-isem bil-flus inkella b'xi qadi lill-Imperu Ruman mhux magħruf.

Hu n-nifsu qal li kien iben il-Farisin, li kienu xirka ta' nies li jħarsu l-Liġi ta'



Turkija. — Il-Bieb tal-belt ta' Tarsu ta' żmien San Pawl, li l-lum qisha kollha ħerba. Ritratt meħud minn P. Gwidu Schembri, O.F.M.

minn Ġesù Kristu. Kien mill-qabil ta' Benjamin u aktarx għal hekk meta nħaten, wara tmient ijiem li twieled, tawh l-isem ta' Sawl, li kien sultan il-Lhud, minn dak il-qabil ukoll. Fuq il-familja ta' San Pawl ħaġa żgħira hi magħrufa: li kellu oħtu miżżewġa Ġerusalem u kellha tifel, li wara ħeles il-ħajja ta' zijuh (Atti, XXIII, 16). San Mosè b'reqqa akbar minn ta' l-oħrajn. U għal hekk 'il quddiem għadab daqs hekk għall-Insara, li fil-liġi ftit kienu jqisu r-rqaqat.

Il-Lhud kienu jibdew jgħallmu jaqraw lill-uliedhom meta jkollhom ħames snin. Fj ċkunithom ukoll kienu jgħallmuhom sengħa. Lil Pawlu għalmuh

nissieġ. L-ewwel mgħallem tal-ulied fost il-Lhud kien ikun missierhom, li jgħallem lil uliedu l-alfabet u l-bidu tas-sengħa, u l-ġrajjiet ta' pajjiżu. Meta jikber ftit it-tifel kien jinbgħat l-iskola, li kienet tkun ġewwa l-knisja jew sinagoga li kien ikun hemm f'kull belt jew raħal fejn ikun hemm il-Lhud. ħarreġ tajjeb u dejjem aktar f'dak li kien tgħallem id-dar.

Kemm dam Ġerusalem u fejn mar meta telaq minn hemm ma hux magħruf. Jista' wieħed jaħseb li dam l-iskola sa kemm kellu xi tmintax-il sena, għax dak kien il-għomor li fih ix-xebb kien jiżżewweġ. Imma jekk telaq minn



Tarsu, Turkija. — Dehra sabiħa minn tarf il-belt ta' Tarsu kif inhi issa. Jidher żagħżugħ liebes fardal, bħal dak li kien jilbes San Pawl meta kien jinseġ, li bih kienu jfejjqu l-morda, meta kien Efesu (Atti, XIX, 12). Ritratt meħud minn P. Gwidu Schembri, O.F.M.

Pawlu meta kiber ftit aktarx li kien imur jitgħallem ukoll f'xi skola Griega f'Tarsu, għax hemmhekk bħala belt Griega skejjel kien hemm kemm-il waħda. Meta kellu xi tlittax jew erbatax-il sena mar jitgħallem Ġerusalem, fl-iskola ta' Rabbi Gamaliel. Billi l-familja tiegħu kienet mix-xirka tal-Farisin, Pawlu kien jaf sewwa l-Bibbja, jew Tora, li kien il-ktieb li jinqara kull jum fil-familja. Kien jaf ukoll it-tradizzjonijiet bla miktuba għal hekk fl-iskola ma kellux jagħmel ħaġa oħra għajr jit- Ġerusalem, kien għal ftit żmien. U għal kemm ma hux ċert għal kollox, Pawlu aktarx li qatt ma żżewweġ bħal ma donnu jidher mill-ewwel ittra lil Korintin (VII, 8) u kif kienet ukoll il-fehma ta' Tertulljanu, San Ġlormu, Epifaniju u oħrajn. (*)

Pawlu msemmi fl-Atti l-ewwel darba waqt it-taħġir ta' San Stiefnu li aktarx ġara fis-sena 34 jew 36; jiġifieri wara li kienu ilu li ħareġ mill-iskola xi sittax jew tmintax-il sena(*) Dak iż-żmien kienet żdiedet sewwa x-xirka tan-Nażorin,

jew Insara, u wieħed fost l-imgħallmin tagħhom, Stiefnu, kien mixli quddiem il-qorti jew Sanhedrin li qal xi kliem ta' għajb fuq il-Maqdes jew Tempju Lhudi. Stiefnu fit-taħdita tiegħu raġa' qal li Alla ma jgħammarx fi djar magħmula bl-idejn, u għajjar lil-Lhud li ma kienu qatt ħarsu l-Liġi, u li kienu l-qattiela ta' Kristu. Għal hekk qabduh u ħarġuh barra mit-Tempju u qatluh biddaqqiet ta' ħaġar. U Pawlu kien hemm jindokralhom il-ħwejjeġ. Wara l-qtil ta' Stiefnu inbdiet tindifa ta' l-Insara, jew Nażorin, barranin, għax dawn bħal kienu għajjurin għal-Lhud tal-Palestina, billi l-Lhud tal-Palestina kienu kburin bit-Tempju tagħhom. Pawlu ħa f' idejh din it-tisfija u bil-għajnuna ta' spjuni beda jfittex l-Insara, nisa u rġiel, li kien baqa' Ġerusalem, jorbothom u jeħodhom u jerħilhom f'idejn il-għassa tat-Tempju.

Meta Pawlu deherlu li kien temm ixxogħol tiegħu Ġerusalem, talab lill-awtorità tas-Sanhedrin biex jagħtuh issetgħa li jmur jaqbad lill-Insara minn Damask, fis-Surija u jġibhom marbutin Ġerusalem. Dak li talab qalgħu u jum fost l-oħrajn imsieħeb minn l-għases, qabad it-triq lejn Damask. Minn Ġerusalem sa Damask, bir-rkub fuq żiemel, trid żmien qisu xi ġimgħa. Imma kif Pawlu kien għoddu qorob lejn il-belt, għal ħabta ta' nofs inhar, bla ħsieb u f'daqqa, tleħħ berqa u lil Pawlu ssabbtu ma' l-art. U mas-sabta jisma' leħen ta' raġel jgħidlu: "Xawl Xawl, li ma tgħażżabni?" jiġifieri "Sawl, Sawl, għaliex taħqarni?"



**Dehra ta' Ġerusalem, fejn trabba San Pawl u tgħallem it-Tora u laħaq Rabbi tal-Lhud, qabel ma biddel ħajtu u sar Nisrani.**

Pawlu sa fejn kien jaf, minn għalih li kien jagħmel is-sewwa, għal hekk wieġeb: "Rabbi, int min int?" u l-leħen raġa' qallu: "Jien Ġesù, dak li inti qiegħed taħqar."

F'daqqa Pawlu ra li kien jagħmel ħażin. La darba Ġesù kellmu minn ġewwa s-sħab tas-sema, kien tas-sew Iben Alla. X'kellu jagħmel biex jaqdi lill-Mosè kien jaf, imma x'kellu jagħmel biex jaqdi lil Ġesù ma kienx jaf. Għal dan saqsa minn qiegħ qalbu: "Mulej, xi tridni nagħmel?" U Ġesù wieġbu "Qum mill-art, idħol il-belt, u jgħidulek."

Dan ġara f'ħin qasir aktar milli wieħed jista' jaħseb. Ġara f'leħħa ta' berqa. Pawlu qam mill-art bil-għajnuna ta' dawk li kellu miegħu, imma sab ruħu għama. Sħabu mexxewh u ħaduh il-belt u daħħluh f'xi ħan jew lukanda għall-għorba, miżmuma minn Lhudi jismu Jeħuda. Hemm qagħad tliett ijiem b'biża' kbir fuqu, la jiekol u la jixrob, dejjem jitlob 'l Alla jaħfirlu l-ħsara li kien għamel. Wara tlitt ijiem, wieħed Nisrani Lhudi qaddis, jismu Hananija, mar sabu f'dar Jeħuda u fejjaqlu għajnejh u għammdu dak il-ħin u niżlet fih Ruħ il-Qodos. Hekk Pawlu għaddietlu d-dehxa tad-dehra ta' Ġesù, u minn ma' Mosè qaleb għal ma' Kristu. Ma baqax sajjem, imma kiel u xorob bħall-oħrajn u mar qagħad għal ftit taż-żmien f'dar fejn kienu jinġemgħu l-Lhud Insara. Meta wasal is-Sibt, mar is-Sinagoga tal-Lhud u beda jaqra l-Bibbja u jfisser lil-Lhud l-oħra li l-Messija kien ġie, u kien dak li sallbuh il-Lhud f'Ġerusalem ftit snin qabel.

Pawlu f'Damask kien magħruf għall-ħeġġa tiegħu, għax dak iż-żmien kienu ġejjin u sejrin in-nies minn Ġerusalem għal Damask u minn Damask għal Ġerusalem. Għal hekk baqgħu mistagħġbin meta semgħuh ixandar li Ġesù kien il-Messija, dak in-nifsu li f'Ġerusalem kien jaqbad lil min jistqarr ruħu b'Nisrani u jagħtih is-swat.

S'issa kien kliem ta' għaġeb biss, imma meta l-Lhud ta' Damask raw li Pawlu kien sa jibqa' sejjer hekk, ixandar li Ġesù kien il-Messija, ħasbu biex jeħilsu minnu, billi joqtluh. Imma xi ħadd fetaħlu għajnejh u sħabu l-Insara bil-lejl niżżluh minn fuq is-sur għal barra (għax il-bwieb tal-belt kienu jkunu magħluqa) u ħarab.

(*Baqa'*)

---

(*) Din il-kronoloġija ma hix **ċerta**, u għalkemm meħuda minn kotba tajba, aktarx li hi mgħallta. Għax kieku San Pawl wara li laħaq Rabbi mar qagħad sittax jew tmintaxer sena pajjiżu, Tarsu, għandna naħsbu li kien jiżżewweġ (la darba skond ir-regola ż-żagħżugħ Lhudi kellu jiżżewweġ ta' tmintax) u kieku żżewweġ, fi tmintaxer sena kien ikollu ħafna tfal u kien joqgħod bis-sliema mal-familja, m'hux jifferoċja għall-Insara ta' Ġerusalem, u jmur jaqbad u joqtol minnhom bla ħniena. Barra minn dan, il-ħeġġa **esaġerata**, jew mgħaġġba, li wera fil-moħqrija ta' l-Insara, turi li kien għadu kemm laħaq, għax hi magħmula n-natura tal-bniedem, li meta jilħaq xi ħaġa, irid juri kburitu u jibda jħażżaq bla ħafna ħsieb. Dan jafu kull ħadd għax jiġri kull imkien, u ġara u għadu jiġri Malta wkoll. Għal hekk ngħidu bil-Malti: "Xkupa ġdida tħaxwex". Mela hemm raġuni biex wieħed jaħseb li San Pawl beda l-moħqrija ta' l-Insara malli laħaq Rabbi, u jekk mar sa Tarsu jara lil niesu, dam hemm żmien qasir ferm. Il-kelma "neanias" jiġifieri żagħżugħ, fil-qtil ta' Stiefnu toqgħodlu mqar jekk kellu għoxrin jew erba' u għoxrin sena; u l-kelma "presbitevs" ta' l-Ittra ta' Filemon, tista' tfisser li kien Xiħ ta' l-Insara (il-Palestina l-lum ukoll, il-Misilmin jgħidu li laħaq Xiħ lil kull min jgħaddi t-Teoloġija tagħhom, imqar ikollu tletin sena), m'hux li kellu fuq is-sittin. (N. ta' l-E.)

---

## QWIEL TA' SAN PAWL

*Tou kosmou toutou sofia, para to Theo estein moria.* "Il-għerf ta' din id-dinja, quddiem Alla huwa bluha" (1 Kor. 11, 19). Dal-kliem jaqbel ma' dak li qal Ġesù lill-Farisin: "Dak li jgħożżu n-nies, huwa qżież quddiem Alla" (Luqa, XVI, 15). Għax in-nies jgħożżu dak li jiswa għal din il-ħajja, li billi l-ħajja għandha tintemm, għada pitgħada għandu jisfa fix-xejn; imma Alla jistma' dak li jiswa għall-ħajja ta' l-eternità.

# AĦBARIJIET TAL-PALESTINA

**Żjara "Ad Limina"** — Il-Bejatitudni Tiegħu Mons. Bertu Gori, Patrijarka Latin ta' Ġerusalem, mar Ruma jagħmel iż-żjara tiegħu "ad limina" li kull Isqof jew Patrijarka għandu jagħmel minn żmien għal żmien. Kif kien Ruma wasal wasla sa Lourdes, u mixħut f'riġlejn il-Madonna talab għallħtieġiet fir-ruħ u fil-ġisem tal-Benefatturi u l-ħbieb tat-Terra Santa.

**Patrijarka Ġdid Kopti** — Wasal Ġerusalem il-Patrijarka l-ġdid Kopti-Ortodoss, Dr. Al-Amba Basilios, u kellu laqgħa sabiħa. Għandu 36 (sitta u tletin) sena, u kien illawrjat fit-Teoloġija fil-belt ta' Salonki. Barra mil-lsien Għarbi, jaf tajjeb ukoll l-Ingliż, il-Franċiż, il-Grieg u l-Latin.

**Ġabra ta' kotba faħxija** — F'Tel-Aviv il-Pulizija Lhud għamlet ħiġma, jew "raid" fuq il-ħwienet tal-kotba u fi ftit siegħat qabdet eluf ta' kotba u qari pornografki. Għadd ta' bejjiegħa ta' kotba minn dawn kienu miżmuma mill-Pulizija li mbagħad reġgħet telqithom, wara li tawhom il-kelma bil-maktub li ma jżidux ibiegħu jew iżommu f'ħanuthom kotba ta' din ix-xorta.

**Nwar minn Israel lill-Papa** — F'Għid l-Imnarja (San Pietru u San Pawl) l-Insara Kattolki li jinsabu f'Israel (it-taqsima Lhudija tal-Palestina) bagħtu qoffa gladjoli mill-kbar lill-Qdusija Tiegħu l-Papa. Il-qoffa kienet marbuta bi fdewxa bajda u kaħla, li huma l-lewnijiet tal-bandiera Lhudija.

**Il-Patri Kustodju għand il-Papa.** — Ir-Rev.mu Patri Polidori, Kustodju tat-Terra Santa, fit-2 ta' Settembru kien Ruma u mar iżur lil Qdusija Tiegħu l-Papa, Ġwanni XXIII. Damu jitħaddtu ftit anqas minn siegħa u l-Papa wera interess kbir fil-qagħda tat-Terra Santa, u fil-ġid tar-ruħ ta' l-Insara li jgħammru fiha. Qal ukoll lill-Patri Kustodju li għadu jiftakar sewwa kull ma kien ra fiż-żjara tiegħu lill-Art Imqaddsa, meta kien għadu kanonku, fis-sena 1906.

**Vigarju tal-Patrijarka f'Israel** — Fil-25 t'Ottubru li għadda kien ikkonsagrat Isqof, f'Torin l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pier Ġorġ Chiappero, O.F.M., Isqof titulari ta' Cibrija, li issa għandu jagħmilha ta' Vikarju tal-Patrijarka f' Israel. Twieled f'Torin fis-sena 1910, u qaddes fis-sena 1940, u mar mill-ewwel it-Terra Santa. Kien Gwardjan fid-Dejr ta' Betlehem, superjur u kappillan fil-Kajr u f'Ibrahimija, l-Eġittu, Diskret Taljan tat-Terra Santa, u meta mar Ruma l-Kustodju għamilha minn bdielu, bħala President tiegħu. Ix-xogħol li ngħatalu, Vigarju tal-art ta' Israel, huwa xogħol tqil u ta' reqqa kbira. Nitolbu l-Bambin ikun dejjem miegħu.

**Il-Mewt tar-Rabbi Askenazi** — Miet f'Ġerusalem ir-Rabbi l-Kbir tat-taqsima tal-Lhud li jgħidulhom Askenazin, Rabbi Herzog. Issa l-kbarat Lhud jixtiequ li jibqa' Rabbi wieħed fuq iż-żewġ taqsimiet tal-Lhud, Askenazin u Separdin. Dan hu r-Rabbi Jagħkob Moxe Toledano, li bħal issa huwa ministru tal-Kulti f'Israel.

# REQUIESCANT IN PACE

**Nixtiequ li l-imsehbin taghna jitolbu ghar-ruh ghażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nies/iom jixtiequna niftakru fihom fit-talb taghna.**

MALTA

ŻABBAR — Domenico Dimicoli, Carmelo Dimicoli, Michele Dimicoli, Mario Demicoli, Vincenzo Demicoli, Salvatore Dimicoli, Giuseppa Borg, Carmela Busuttil, Nazio Busuttil, P. Lorenzo Busuttil, Paolo Busuttil, Nata Busuttil, C. Carmelo Busuttil, Felice Busuttil, Maria Cucciardi, Carmelo Cucciardi, Giuseppe Pulis, Felicita Salerno, Dolores Attard, Mattea Psaila, Pietro Psaila, Paolo Psaila, Felice Psaila, Virgina Psaila, Carmela Psaila, Domenica Scicluna, Salvu Scicluna, John Scicluna, Rosina Muscat, Salvu Muscat, Vincenza Psaila, Carmelo Zammit, Maria Anna Figallo, Rosina Grech, Salvu Grech, Carmela Vassallo, Lorenzo Pulis, Lorenza Pulis, Giuseppe Pulis, Neriku Pulis, Maria Rosa Pulis, Felicita Scicluna, Angelo Scicluna, Concetta Falzon, Felice Falzon, Lorenzo Falzon, Paola Gatt, Cetta Saliba, Pietro Saliba, Lorenza Saliba, Fortunata Saliba, Carmelo Saliba, Antonia Saliba, Giuseppe Calleja, Rita Calleja, Giorġ Calleja, Anna Ellul, Giuseppe Ellul, Giovanna Ellul, Michela Micallef, Antonio Micallef, Felice Micallef, Giovanni Cachia, Antonia Cachia, Giuseppe Cachia, Cajetano Caruana, John Farrugia, Vincent Farrugia, Elisabeth Farrugia, Suor Assunta Cucciardi, Raffaele Cucciardi, Francesco Spiteri, Carmelo Calleja, Domenico Calleja, Stella Attard, Pia Attard, Ersilia Attard, John Attard, Salvatore Zahra, Spiru Buhagiar, Michael Buhagiar, Catarina Buhagiar, Joseph Zerafa, Cermela Zerafa.

SIGGIEWI — Carmelo Pace, Antonio Pace, Nicolina Bonell, Teresa Aquilina, Giovanni Cutajar, Francesca Cutajar, Rosa Muscat, Giuseppe Muscat, Giuseppe Camilleri, Nicola Galea, Samuele Vassallo, Rosa Vassallo, Nicola Psaila Giuseppa Psaila, Giovanni Psaila, Raymondo Psaila, Filippo Psaila, Nicolina Cachia, George Cachia, Maria Farrugia, Nicola Farrugia, Maddalena Farrugia, Carmelo Farrugia, Giovanna Farrugia, Salvatore Farrugia, Teresa Farrugia, Carmelo Farrugia, Angelo Mangios, Giuseppe Zammit.

BIRZEBBUGIA — Antonio Camilleri, Carmela Farrugia, Rosario Gatt, Tomaso Agius, Maria Mizzi, Benedetta Mizzi, Andrea Briffa, Vincenza Briffa Catarina Polidano, Catarina Tabone, Astonia Bugeja, Anna Grech, Carmelo Bartolo, Michelina De Gabriele, Francesco De Gabriele, Giuseppa Sammut, Carmelo Sammut, Grazia Saliba, Carmelo Saliba, Lorenzo Aquilina, Teresa Aquilina, Mejtin Carabott, Mejtin Chircop, Giuseppe Grima, Paolo Cini, Antonio Cini, Francesco Grima, Iarmela Grima, Carmelo Polidano, Maria Polidano, Manuele Grixti, Carmela Grixti, Carmelo Cachia, Maria Cachia, Rosina Vella, Manuel Vella, Anna Pace, Catarina Briffa, Manuel Casaletto. Rita Debono, Carmelo Agius, Carmelo Galea, Antonia Galea, Giovanni Saliba. Salvu Camilleri, Michelina Farrugia, Carmelo Farrugia.

**Min-naha taghna niżguraw qrabathom li l-erwieh ta' dawn il-mejtin gheżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.**